IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.8.2022
COM(2022) 366 final

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

## RAPPORT ANNWALI TAL-2021

## DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI TAS-SUSSIDJARJETÀ U TAL-PROPORZJONALITÀ U DWAR IR-RELAZZJONIJIET MAL-PARLAMENTI NAZZJONALI

# RAPPORT ANNWALI 2021

# DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI TAS-SUSSIDJARJETÀ U TAL-PROPORZJONALITÀ U DWAR IR-RELAZZJONIJIET MAL-PARLAMENTI NAZZJONALI

## 1. INTRODUZZJONI

Dan huwa d-29 rapport dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, sottomess skont l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità ("Protokoll Nru 2") tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Bħat-tliet rapporti ta' qablu, huwa jkopri r-relazzjonijiet tal-Kummissjoni mal-Parlamenti nazzjonali, li għandhom rwol ewlieni fl-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji.

Fl-2021, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni, u l-Kumitat tar-Reġjuni komplew japplikaw u jiżviluppaw aktar l-għodod u l-proċeduri ttestjati tagħhom sabiex jiżguraw li l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità ġew irrispettati fil-ħidma tagħhom sabiex iħejju l-leġiżlazzjoni tal-UE. Il-Kummissjoni, sabiex tikkonsolida l-politika tagħha ta' regolamentazzjoni aħjar, adottat linji gwida ġodda u strumenti, bl-għan li timplimenta bis-sħiħ l-impenn tagħha li tipproduċi l-grilja ta' valutazzjoni tas-sussidjarjetà proposta mit-Task Force dwar is-Sussidjarjetà, il-Proporzjonalità u dwar li "Isir inqas b'mod iktar effiċjenti"[1] għall-proposti leġiżlattivi politikament sensittivi u importanti kollha akkumpanjati minn valutazzjoni tal-impatt. Dan ta aktar enfasi lil għodda b'saħħitha li, jekk tintuża mill-atturi kollha involuti, tista' tiffaċilita b'mod sinifikanti l-valutazzjoni oġġettiva ta' kif il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità qegħdin jiġu rrispettati fil-leġiżlazzjoni tal-UE. Il-Kumitat tar-Reġjuni żviluppa wkoll aktar il-kontribut tiegħu għall-aġenda tar-regolamentazzjoni aħjar, b'mod partikolari permezz tan-network tiegħu ta' hubs reġjonali, u ppromwova l-kunċett ta' "sussidjarjetà attiva"[2].

L-istituzzjonijiet kienu adattaw bis-sħiħ il-metodi ta' ħidma tagħhom sabiex jakkomodaw il-kundizzjonijiet imposti mill-pandemija tal-COVID-19 u l-iżviluppi tagħha. F'din it-tieni sena ta' restrizzjonijiet, il-kollaborazzjoni mal-Parlamenti nazzjonali intensifikat. Il-Parlamenti nazzjonali ppreżentaw 360 opinjoni, li huma konsiderevolment aktar mis-sentejn preċedenti (225 fl-2020 u 159 fl-2019)[3], u li parzjalment jirriflettu n-numru akbar ta' proposti li l-Kummissjoni ppreżentat. Minn dawn, kien hemm total ta' 16-il opinjoni motivata, li esprimew tħassib li kien inkiser il-prinċipju tas-sussidjarjetà. Il-maġġoranza ta' dawn iffukaw fuq il-proposti leġiżlattivi fil-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %". L-ebda proposta individwali ma wasslet għal aktar minn tliet opinjonijiet motivati. Il-pakkett li rċieva l-ogħla grad ta' attenzjoni kien "Lesti għall-mira ta' 55 %", u l-proposti individwali li rċivew l-aktar kummenti kienu l-Att dwar is-Servizzi Diġitali (10 opinjonijiet), id-Direttiva dwar pagi minimi adegwati (9 opinjonijiet) u ż-żewġ proposti dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE (8 opinjonijiet kull waħda).

L-iskambju bil-miktub mal-Parlamenti nazzjonali kompla jintensifika fl-2021, u hekk ukoll id-djalogu politiku orali fid-diversi forom tiegħu. Saru laqgħat f'format fiżiku, virtwali jew ibridu, u n-numru ta' dawn u l-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni f'avvenimenti interparlamentari komplew jiżdiedu, parzjalment bis-saħħa tal-possibbiltajiet offruti mill-vidjokonferenzi.

---

[1] https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/report-task-force-subsidiarity-proportionality-and-doing-less-more-efficiently_mt.pdf

[2] Ara t-Taqsima 2.4.

[3] L-opinjonijiet kollha u r-risposti tal-Kummissjoni huma disponibbli fuq https://ec.europa.eu/dgs/secretariat_general/relations/relations_other/npo/index_mt.htm.

Elementi notevoli addizzjonali fir-relazzjonijiet tal-Parlamenti nazzjonali mal-istituzzjonijiet tal-UE fl-2021 kienu: (i) ir-rwol ewlieni li kellhom il-biċċa l-kbira tal-Parlamenti nazzjonali, skont ir-regoli kostituzzjonali nazzjonali tagħhom, meta approvaw id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-2020 dwar ir-riżorsi proprji; u (ii) il-livelli għoljin ta' impenn tagħhom fit-tħejjija u fl-implimentazzjoni tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa.

## 2. L-APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI TAS-SUSSIDJARJETÀ U TAL-PROPORZJONALITÀ MILL-ISTITUZZJONIJIET

### 2.1. IL-KUMMISSJONI

Fl-2021, il-Kummissjoni kompliet tapplika l-aġenda tagħha ta' "regolamentazzjoni aħjar", li tiżgura t-tfassil tad-dritt tal-UE fuq il-bażi tal-evidenza u b'mod trasparenti, u li tintegra l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità fl-istadji kollha tat-tfassil tal-politika tagħha. Appoġġat dawk l-inizjattivi li x'aktarx ikollhom impatti sinifikanti b'valutazzjonijiet tal-impatt komprensivi. Hija segwiet ukoll l-impenn tagħha li tevalwa l-politiki eżistenti qabel ma tippreżenta proposti sabiex tirrevedihom. Dawn il-valutazzjonijiet u l-evalwazzjonijiet tal-impatt jinkludu l-analiżi tal-punt sa fejn l-inizjattivi jikkonformaw mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

**Regolamentazzjoni aħjar: komunikazzjoni, linji gwida u strumenti ġodda**

F'Novembru 2021, il-Kummissjoni adottat linji gwida ġodda għal regolamentazzjoni aħjar[4] u strumenti ġodda għal regolamentazzjoni aħjar[5]. Il-linji gwida mibnijin fuq l-aspetti ewlenin deskritti fil-Komunikazzjoni tagħha dwar regolamentazzjoni aħjar[6] tad-29 ta' April 2021 li ħabbret ġenerazzjoni ġdida ta' regolamentazzjoni aħjar.

Il-Komunikazzjoni pproponiet ħafna titjib għall-proċess tat-tfassil tad-dritt tal-UE, f'konformità mal-għanijiet ambizzjużi tal-Kummissjoni von der Leyen, u bniet fuq l-eżerċizzju ta' rendikont tar-regolamentazzjoni aħjar tal-2019[7], li kien identifika diversi oqsma fejn seta' jsir titjib fl-aġenda għal regolamentazzjoni aħjar. Il-Komunikazzjoni tenniet li regolamentazzjoni aħjar hija sforz konġunt għall-partijiet ikkonċernati kollha, sabiex jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni tkun tal-ogħla kwalità u li l-UE għandha taġixxi biss meta jkun neċessarju (sussidjarjetà) u sa fejn ikun neċessarju (proporzjonalità). Ħabbret ukoll il-pubblikazzjoni ta' grilja ta' valutazzjoni tas-sussidjarjetà ma' kull proposta leġiżlattiva politikament sensittiva jew importanti li tkun akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt, li tgħin sabiex dawn il-prinċipji jissarrfu fil-prattika. Dan is-segwitu għar-rakkomandazzjonijiet mit-Task Force dwar is-Sussidjarjetà, il-Proporzjonalità u dwar li "Isir inqas b'mod iktar effiċjenti"[8].

L-elementi l-ġodda introdotti jinkludu t-teħid ta' approċċ ta' "one in, one out" sabiex jiġi mminimizzat il-piż ta' leġiżlazzjoni ġdida tal-UE għall-individwi u għan-negozji u t-titjib tal-mod kif ir-regolamentazzjoni aħjar tindirizza u tappoġġa s-sostenibbiltà u t-trasformazzjoni diġitali. Ta' rilevanza diretta għall-Parlamenti nazzjonali hija s-simplifikazzjoni tal-konsultazzjonijiet pubbliċi bl-introduzzjoni ta' "sejħa għal evidenza" waħda, li tieħu post diversi konsultazzjonijiet preċedenti fi stadji differenti tat-tħejjija tal-politika, fuq il-portal imtejjeb "Semma' Leħnek"[9]. Il-kontribut li l-Parlamenti nazzjonali u reġjonali jew l-awtoritajiet

---

4 SWD(2021) 305 final, li jissostitwixxi SWD(2017) 350.
5 https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/br_toolbox-nov_2021_en_0.pdf
6 COM(2021) 219 final.
7 COM(2019) 178 final.
8 Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.
9 https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say_mt

nazzjonali, reġjonali u lokali jistgħu jiddeċiedu li jagħtu huwa identifikat b'mod ċar u distint mill-kontribut minn partijiet ikkonċernati oħrajn. Madankollu, numru żgħir biss ta' Parlamenti nazzjonali użaw dan il-portal fl-2021.

### Il-pjattaforma "Fit for Future"

Stabbilita f'Mejju 2020 bħala s-suċċessur tal-pjattaforma REFIT, il-pjattaforma "Fit for Future" ("il-pjattaforma") hija grupp ta' esperti ta' livell għoli li jgħin lill-Kummissjoni tissimplifika l-liġijiet, tnaqqas il-piżijiet regolatorji mhux neċessarji relatati, u tisfrutta l-għarfien espert u l-esperjenza f'livelli aktar baxxi ta' governanza u tal-partijiet ikkonċernati sabiex tiżgura li l-leġiżlazzjoni tilħaq l-objettivi tagħha bl-aktar mod effiċjenti, filwaqt li tqis l-esperjenza mill-awtoritajiet nazzjonali, lokali u reġjonali.

Tiġbor flimkien rappreżentanti mill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali tal-Istati Membri, mill-Kumitat tar-Reġjuni – appoġġat min-network RegHub[10] tiegħu –, mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u mill-partijiet ikkonċernati li jirrappreżentaw l-organizzazzjonijiet tan-negozju u dawk mhux governattivi. Il-pjattaforma għandha rwol importanti fl-għoti ta' informazzjoni dwar kif qegħdin jiġu implimentati l-liġijiet. Fl-2021, hija ppreżentat l-ewwel programm ta' ħidma annwali ambizzjuż[11], li kopra 15-il suġġett differenti f'firxa wiesgħa ta' setturi, bi prijoritajiet stabbiliti fuq id-diġitalizzazzjoni, fuq it-tikkettar effiċjenti, fuq l-awtorizzazzjoni u fuq l-obbligi ta' rapportar, u fuq is-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE.

### Valutazzjonijiet tal-impatt

Il-Kummissjoni tanalizza l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità fil-valutazzjonijiet tal-impatt kollha mħejjin għall-proposti ta' politika. Dawn il-valutazzjonijiet huma soġġetti għal kontroll indipendenti tal-kwalità mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju[12]. Fl-2021, il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju skrutinizza 83 valutazzjoni tal-impatt, żieda konsiderevoli meta mqabbla mas-sena ta' qabel (41).

### Evalwazzjonijiet u kontrolli tal-idoneità

Is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità huma wkoll aspetti essenzjali tal-evalwazzjonijiet u tal-kontrolli tal-idoneità, li jivvalutaw jekk azzjoni fil-livell tal-UE tatx ir-riżultati mistennijin f'termini ta' effiċjenza, ta' effettività, ta' koerenza, ta' rilevanza u ta' valur miżjud tal-UE.

Fl-2021, il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju skrutinizza 15-il evalwazzjoni ewlenija, inklużi 2 kontrolli tal-idoneità, meta mqabblin ma' 13 fl-2020. Uħud mill-aspetti li jkopru l-evalwazzjonijiet huma partikolarment rilevanti f'termini tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Pereżempju, l-evalwazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport[13] (TEN-T) eżaminat, fost l-oħrajn, il-bidliet li jista' jiġi argumentat b'mod raġonevoli li huma dovuti għall-intervent tal-UE, u li jisbqu dak li seta' kien mistenni minn azzjonijiet nazzjonali mill-Istati Membri. L-evalwazzjoni kkonkludiet li l-allinjament u l-implimentazzjoni effettivi tal-azzjonijiet fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali kienu dovuti għal politika Ewropea waħda u b'saħħitha. Innotat ukoll li l-valur miżjud sinifikanti ġġenerat permezz tal-kooperazzjoni tat-TEN-t ma' pajjiżi terzi ma kienx ikun jista' jinkiseb li kieku l-Istati Membri aġixxew individwalment.

---

10 RegHub huwa network ta' awtoritajiet lokali u reġjonali li għandu l-għan li jiġbor esperjenzi dwar l-implimentazzjoni tal-politika tal-UE permezz ta' konsultazzjonijiet ta' atturi fil-livell lokali. Għal aktar informazzjoni, ara: https://portal.cor.europa.eu/reghub/Pages/default.aspx.

11 https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/2021_annual_work_programme_fit_for_future_platform_en.pdf

12 https://ec.europa.eu/info/law/law-making-process/regulatory-scrutiny-board_mt

13 SWD(2021) 117 final.

## 2.2. IL-PARLAMENT EWROPEW[14]

Fl-2021, il-Parlament Ewropew formalment irċieva 227 sottomissjoni mill-Parlamenti nazzjonali skont il-Protokoll Nru 2, li minnhom 24 kienu opinjonijiet motivati[15] u 203 kienu kontributi (sottomissjonijiet li ma qanqlux tħassib dwar is-sussidjarjetà). Bħala paragun, fl-2020, il-Parlament Ewropew irċieva 134 sottomissjoni, li 13 minnhom kienu opinjonijiet motivati[16].

Is-Sur Nacho Sánchez Amor (S&D/ES) u s-Sur Gilles Lebreton (ID/FR) kienu r-rapporteurs permanenti għas-sussidjarjetà tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (JURI) fl-2021, fl-ewwel u fit-tieni nofs tas-sena rispettivament. Matul il-mandat tagħhom, il-Kumitat – li skont l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew għandu responsabbiltà sħiħa sabiex jiżgura l-konformità tal-leġiżlazzjoni tal-UE mal-prinċipju tas-sussidjarjetà – ħareġ rapport dwar ir-rapporti annwali tal-Kummissjoni dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità li jkopri s-snin 2017-2019[17]. Ir-rapporteur tiegħu kien is-Sur Mislav Kolakušić (NI/HR). Il-kumitat ikkontribwixxa wkoll għall-35[18] u għas-36[19] rapport biannwali mħejji mill-Konferenza tal-Kumitati Parlamentari għall-Affarijiet Ewropej tal-Parlamenti tal-Unjoni Ewropea (COSAC) dwar il-prattiki parlamentari.

Is-Servizz ta' Riċerka Parlamentari Ewropew (EPRS) kompla jassisti lill-Parlament Ewropew fl-inkorporazzjoni ta' kunsiderazzjonijiet tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità fil-ħidma tiegħu billi:

- wettaq skrutinju sistematiku tal-aspetti tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità tal-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni u ġibed l-attenzjoni għal kull tħassib espress, b'mod partikolari mill-Parlamenti nazzjonali u mill-Kumitat tar-Reġjuni;
- żgura li l-ħidma tal-Parlament Ewropew stess taderixxi bis-sħiħ ma' dawn il-prinċipji, pereżempju billi wettaq valutazzjonijiet tal-impatt tal-emendi sostanzjali tiegħu stess jew billi analizza l-valur miżjud tal-proposti tal-Parlament Ewropew għal leġiżlazzjoni ġdida, fuq il-bażi tal-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u l-konsegwenzi ta' ebda azzjoni mill-UE;
- skrutinizza l-aspetti tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità meta abbozza l-valutazzjonijiet tal-impatt, b'fokus fuq il-valur miżjud tal-UE.

Fl-2021, l-EPRS ipproduċa 33 valutazzjoni inizjali tal-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni u 2 valutazzjonijiet tal-impatt sostituttivi[20], 7 valutazzjonijiet tal-implimentazzjoni

---

[14] It-Taqsimiet 2.2. sa 2.4. ta' dan ir-rapport huma bbażati fuq kontributi mill-istituzzjonijiet u mill-korpi rispettivi tal-UE.

[15] Il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni (li rreġistraw 16-il opinjoni motivata matul l-istess perjodu) jinterpretaw in-numru ta' opinjonijiet motivati b'mod differenti. Opinjoni motivata relatata ma' aktar minn proposta waħda tal-Kummissjoni tingħadd mill-Kummissjoni bħala opinjoni motivata waħda biss għall-finijiet ta' statistika, filwaqt li sabiex jiġi ddeterminat jekk ikunx intlaħaq is-soll għal karta safra/oranġjo għal proposta tal-Kummissjoni, din l-opinjoni motivata tgħodd bħala opinjoni motivata waħda għal kull waħda mill-proposti koperti. B'kuntrast ma' dan, il-Parlament Ewropew jgħodd opinjonijiet motivati daqs kemm ikun hemm proposti involuti.

[16] Is-sottomissjonijiet kollha mill-Parlamenti nazzjonali lill-Parlament Ewropew huma disponibbli wkoll fuq Connect, il-bażi tad-*data* tal-Parlament Ewropew ta' dokumenti parlamentari nazzjonali: http://www.europarl.europa.eu/relnatparl/en/connect/welcome.html.

[17] Ir-Rapport dwar l-idoneità regolatorja tal-Unjoni Ewropea u s-sussidjarjetà u l-proporzjonalità – rapport dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet li jkopri s-snin 2017, 2018 u 2019 (2020/2262(INI)), https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/A-9-2021-0191_MT.html.

[18] https://parleu2021.parlamento.pt/ficheiros/12/35th%20Bi-annual%20Report%20of%20COSAC%20EN.pdf

[19] https://secure.ipex.eu/IPEXL-WEB/download/file/082d29087d34505f017d5731c86503b7

[20] Id-definizzjonijiet tat-termini inklużi f'dan il-paragrafu jistgħu jinstabu fil-IATE, fil-bażi tad-*data* tat-terminoloġija tal-UE: https://iate.europa.eu/home. Valutazzjoni tal-impatt sostituttiva hija valutazzjoni tal-

*ex post* Ewropej, 27 valutazzjoni tal-implimentazzjoni, 3 dokumenti ta' "implimentazzjoni fl-azzjoni", 2 evalwazzjonijiet *ex post* oħrajn (inkluża pubblikazzjoni dwar il-linji gwida l-ġodda għal regolamentazzjoni aħjar) u pubblikazzjoni waħda dwar "ir-regolamentazzjoni aħjar fl-azzjoni", li tiskrutinizza l-programm ta' ħidma annwali tal-Kummissjoni. Min-naħa tal-valur miżjud tal-UE, tlestew 2 rapporti dwar il-kost tan-non-Ewropa, 12-il valutazzjoni tal-valur miżjud tal-UE u dokument wieħed dwar il-valur miżjud tal-politiki eżistenti tal-UE.

### 2.3. Il-Kunsill

Fl-2021, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ("il-Kunsill") – inklużi l-Partijiet ta' Ħidma rilevanti tiegħu – kompla jissorvelja l-implimentazzjoni effettiva tal-konklużjonijiet li l-Kunsill u l-Kunsill Ewropew kienu adottaw fis-snin ta' qabel li koprew il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Dawn kienu l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar "It-tlestija ulterjuri tal-aġenda tas-Suq Uniku"[21], il-konklużjonijiet tal-Kunsill fir-rigward ta' "Regolamentazzjoni aħjar – l-iżgurar tal-kompetittività u tas-sostenibbiltà, tat-tkabbir inklużiv"[22] u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja u klawżoli ta' esperimentazzjoni bħala għodod għal qafas regolatorju li jiffavorixxi l-innovazzjoni, li jibqa' validu fil-futur u reżiljenti li jilqa' l-isfidi fixkiela fl-era diġitali"[23].

Minbarra l-obbligi tiegħu skont it-Trattat, il-Kunsill iżomm ukoll lill-Istati Membri infurmati dwar l-opinjonijiet tal-Parlamenti nazzjonali dwar il-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni. Fl-2021, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill qassam 16-il opinjoni motivata li kienu waslu fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 u 165 opinjoni maħruġa fil-qafas tad-djalogu politiku[24].

### 2.4. Il-Kumitat tar-Reġjuni

L-attivitajiet rilevanti għas-sussidjarjetà tal-Kumitat tar-Reġjuni fl-2021 kienu ggwidati mill-prijoritajiet għall-perjodu tal-mandat tal-2020-2025 li kien stabbilixxa fis-sena ta' qabel[25]. Dawn tennew id-determinazzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni li jkompli jtejjeb il-kwalità tal-leġiżlazzjoni tal-UE u li jantiċipa aħjar l-impatt territorjali tiegħu u jippromwovi l-prinċipju tas-sussidjarjetà attiva[26]. Din id-determinazzjoni kienet appoġġata mis-sejbiet tal-Barometru Reġjonali u Lokali

---

impatt proprja tal-Parlament Ewropew tal-aspetti li ma ġewx ittrattati fil-valutazzjoni tal-impatt oriġinali tal-Kummissjoni, imħejjin jew ikkummissjonati mill-Unità tal-Valutazzjoni tal-Impatt *Ex Ante* tas-Servizz ta' Riċerka Parlamentari Ewropew fuq talba tal-kumitat(i) responsabbli. Fl-2021, huwa pproduċa valutazzjoni tal-impatt sostituttiva dwar il-proposta dwar id-deroga temporanja mid-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika għall-fini tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online (https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2021/662598/EPRS_STU(2021)662598_EN.pdf) u dwar il-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil (https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2021/ 694210/EPRS_STU(2021)694210_EN.pdf).

21 Id-dok tal-EUCO 17/18, il-punti II/2 u IV/15 u d-dok tal-EUCO 13/20, il-punt II/4 kif ukoll f'termini tal-implimentazzjoni d-dok tal-Kunsill ST 11654/21.

22 Id-dok tal-Kunsill ST 6232/20, il-punti 2 u 12.

23 Id-dok tal-Kunsill ST 13026/1/20 REV 1, il-punti 3 u 12.

24 Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ma jirċivix sistematikament l-opinjonijiet kollha mill-Parlamenti nazzjonali, u għalhekk in-numru ta' opinjonijiet riċevuti jista' jvarja bejn l-istituzzjonijiet; ara wkoll in-nota 15 f'qiegħ il-paġna.

25 Ir-Riżoluzzjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni – Il-prijoritajiet tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni għall-2020-2025 – Ewropa eqreb lejn iċ-ċittadini permezz tal-villaġġi, l-ibliet u r-reġjuni tagħha, ĠU C 324, 1.10.2020, p. 8-15, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52020XR1392.

26 Il-Kummissjoni temmen li "sussidjarjetà attiva", bil-Parlamenti nazzjonali u bl-awtoritajiet lokali u reġjonali li jipprovdu kontributi fil-fażi preleġiżlattiva, tkun ta' għajnuna għall-Kummissjoni sabiex tikkalibra l-proposti tagħha fil-kuntest speċifiku ta' governanza f'diversi livelli. Għal aktar fuq dan il-mod ta' ħidma, ara r-rapport dwar "is-sussidjarjetà attiva" mit-Task Force dwar is-Sussidjarjetà, il-

Annwali tal-UE 2021[27] tal-Kumitat tar-Reġjuni, li enfasizza li kważi żewġ terzi tal-politiċi lokali jħossu li r-reġjuni, l-ibliet u l-irħula ma għandhomx biżżejjed influwenza fuq it-tfassil tal-politika tal-UE. F'dan ir-rigward, il-Kumitat tar-Reġjuni kkonkluda[28] li "l-Ewropa tista' toħroġ aktar reżiljenti demokratikament u anke ambjentalment mill-kriżi tal-COVID-19 b'rikonoxximent formali u l-applikazzjoni tas-sussidjarjetà attiva biex jiġi żgurat li l-azzjonijiet jittieħdu fil-livell fejn l-azzjoni tiegħu se tipproduċi l-aqwa valur miżjud għaċ-ċittadini, u li jkun hemm fis-seħħ proċessi koordinati u effettivi għat-teħid tad-deċiżjonijiet".

Fl-2021, il-Kumitat tar-Reġjuni ħareġ 59 opinjoni u 9 riżoluzzjonijiet. Minn dawn, 10 opinjonijiet leġiżlattivi, 17-il opinjoni mhux leġiżlattiva u 5 riżoluzzjonijiet kienu jinkludu referenzi speċifiċi għall-konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità jew rakkomandazzjonijiet konkreti sabiex tittejjeb dik il-konformità. Ħafna minn dawn kienu bbażati fuq it-30 kontribut dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità sottomessi fl-2021 permezz tar-REGPEX, is-sottonetwork tan-Network għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà[29], miftuħ għall-Parlamenti u għall-gvernijiet tar-reġjuni b'setgħat leġiżlattivi sabiex jappoġġa l-parteċipazzjoni tagħhom fil-fażi bikrija tal-proċess leġiżlattiv (analiżi tas-sussidjarjetà).

Il-Grupp ta' Tmexxija tas-Sussidjarjetà, wara l-pariri li rċieva mill-Grupp ta' Esperti tas-Sussidjarjetà tal-Kumitat tar-Reġjuni, identifika ħames inizjattivi ta' prijorità fil-programm ta' ħidma dwar is-sussidjarjetà tal-2021[30].

Fl-2021, il-Kumitat tar-Reġjuni adotta opinjonijiet li koprew dak li huwa jqis bħala tnejn mill-aktar proposti leġiżlattivi sensittivi fir-rigward tas-sussidjarjetà: il-Patt il-ġdid dwar il-migrazzjoni u l-ażil[31] u l-proposta għal Direttiva dwar pagi minimi adegwati fl-UE[32]. Wara li kkonsulta n-Network għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà tiegħu, il-Kumitat tar-Reġjuni kkonkluda li dawk il-proposti kienu konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Bħala parti mill-Ġimgħa Ewropea tar-Reġjuni u l-Bliet[33] f'Ottubru 2021, il-Kumitat tar-Reġjuni koorganizza – flimkien mal-Konferenza tal-Assemblej Leġiżlattivi Reġjonali tal-UE (CALRE)[34] – workshop dwar "Il-governanza fil-livell u s-sussidjarjetà attiva għall-irkupru sostenibbli u għar-reżiljenza". Il-konklużjonijiet tal-workshop, imtennijin fir-riżoluzzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Barometru Annwali 2021, affermaw mill-ġdid il-ħtieġa li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jiġu involuti fl-evalwazzjoni u fl-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u, b'mod aktar speċifiku, tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza, u

---

Proporzjonalità u dwar li "Isir inqas b'mod iktar effiċjenti" fuq https://ec.europa.eu/info/files/report-task-force-subsidiarity-proportionality-and-doing-less-more-efficiently_mt.

27 https://cor.europa.eu/en/our-work/Documents/barometer-fullreport%20web.pdf

28 Ir-Riżoluzzjoni dwar il-Barometru Reġjonali u Lokali Annwali tal-UE 2021, https://webapi2016.cor.europa.eu/v1/documents/COR-2021-03857-00-00-RES-TRA-MT.docx/content.

29 In-Network għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà, li tnieda f'April 2007, ġie stabbilit sabiex jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-livell tal-Unjoni rigward diversi dokumenti u politiki leġiżlattivi u politiċi mill-Kummissjoni. Fi tmiem l-2021 kellu 150 membru, filwaqt li r-REGPEX kellu 76 membru. Ara http://portal.cor.europa.eu/subsidiarity/thesmn/Pages/default.aspx.

30 Ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija, l-emendi għad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli u għad-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika sabiex jiġu implimentati l-miri klimatiċi tal-2030, il-proposta leġiżlattiva dwar il-minimizzazzjoni tar-riskju tad-deforestazzjoni u tad-degradazzjoni tal-foresti assoċjati ma' prodotti mqegħdin fis-suq tal-UE u r-reviżjoni tar-Regolament dwar in-network trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T). Ara https://portal.cor.europa.eu/subsidiarity/Publications/Documents/Subsidiarity-Work-Programme/2021/COR-2021-00835-00-01-TCD-REF-EN.pdf.

31 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52020AR4843

32 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A52020AR5859

33 https://cor.europa.eu/mt/events/Pages/multi-level-governance-and-active-subsidiarity-for-sustainable-recovery-and-resilience.aspx

34 https://www.calrenet.eu/

semmew id-dispjaċir li sa dak iż-żmien dan l-involviment kien għadu limitat.

Fis-sessjoni plenarja tiegħu ta' Diċembru 2021[35], il-Kumitat tenna t-talba tiegħu li l-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni dwar ir-Regolamentazzjoni Aħjar jiġi rrivedut sabiex jinkorpora d-dimensjoni f'diversi livelli tal-proċess regolatorju Ewropew, kif issuġġerit mit-Task Force dwar is-Sussidjarjetà, il-Proporzjonalità u li "Isir inqas b'mod iktar effiċjenti".

Il-Kumitat tar-Reġjuni impenja ruħu wkoll li joħloq strumenti għal regolamentazzjoni aħjar tal-Kumitat tar-Reġjuni sabiex jintegra l-għodod eżistenti kollha tiegħu għal regolamentazzjoni aħjar (in-Network għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà, ir-RegHub[36] u l-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali[37]) f'qafas ta' governanza wieħed, sabiex jittejbu l-kooperazzjoni, in-nisġiet u s-sinerġiji bejn l-għodod u l-atturi individwali u sabiex jissawru nisġiet aktar b'saħħithom mal-istrumenti tal-Kummissjoni għal regolamentazzjoni aħjar (li jinkludu għodda dwar l-impatti territorjali[38]) u l-għodod żviluppati mis-Servizz ta' Riċerka Parlamentari Ewropew.

Dwar l-aġenda usa' tas-sussidjarjetà, il-Kumitat tar-Reġjuni qiegħed lilu nnifsu fil-qafas tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa. Ipprovda kontribut dwar kif "tintuża 'sussidjarjetà attiva' sabiex jiġu involuti aħjar il-parlamenti, ir-reġjuni u l-bliet fit-tfassil tal-politiki Ewropej"[39].

### 2.5. IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

Fl-2021, il-Qorti tal-Ġustizzja ma qatgħet l-ebda sentenza sinifikanti fir-rigward tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

## 3. L-APPLIKAZZJONI TAL-MEKKANIŻMU TA' KONTROLL TAS-SUSSIDJARJETÀ MILL-PARLAMENTI NAZZJONALI

Fl-2021, il-Kummissjoni rċiviet **16-il opinjoni motivata** mill-Parlamenti nazzjonali[40]. Dan huwa aktar mill-aħħar sentejn (b'9 fl-2020 u l-ebda opinjoni motivata fl-2019), Iżda anqas mis-snin ta' qabel (2016-2018), f'numri assoluti[41] u fi proporzjon man-numru globali ta' opinjonijiet mibgħutin mill-Parlamenti nazzjonali[42] (ara wkoll it-tabella "Tipi ta' opinjonijiet" fit-Taqsima 4).

---

[35] F'opinjoni li rreaġixxiet għall-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar "Regolamentazzjoni aħjar: Ningħaqdu flimkien biex nagħmlu liġijiet aħjar" (https://webapi2016.cor.europa.eu/v1/documents/COR-2021-04071-00-00-AC-TRA-MT.docx/content) u riżoluzzjoni dwar il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2022 (https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52021XR5507).

[36] Ir-RegHub (https://cor.europa.eu/mt/our-work/Pages/network-of-regional-hubs.aspx) jiġbor ukoll evidenza għall-pjattaforma "Fit for Future" (ara t-Taqsima 2.1 ta' dan ir-rapport). Il-Kumitat tar-Reġjuni għandu tliet rappreżentanti fil-grupp Governattiv tal-pjattaforma. Fl-2021, huma kkontribwew għall-ħidma tal-pjattaforma billi pproponew suġġetti għall-programm ta' ħidma annwali tiegħu, ikkontribwew għall-opinjonijiet tal-pjattaforma u servew bħala rapporteurs għal 3 mill-15-il opinjoni li evalwaw l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-akkwist elettroniku, ir-rapportar ambjentali (id-Direttiva INSPIRE) u d-drittijiet tal-pazjenti fil-kura tas-saħħa transfruntiera.

[37] https://cor.europa.eu/mt/our-work/Pages/Territorial-Impact-Assessment.aspx

[38] Ara l-għodda #34 fuq https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/br_toolbox-nov_2021_en_0.pdf.

[39] https://futureu.europa.eu/processes/Democracy/f/6/proposals/114517?locale=mt

[40] Dan in-numru jirreferi għan-numru totali ta' opinjonijiet riċevuti mill-kmamar parlamentari skont il-Protokoll Nru 2. Ara wkoll in-nota 15 f'qiegħ il-paġna u l-Anness 1 għal-lista ta' dokumenti tal-Kummissjoni li dwarhom il-Kummissjoni rċiviet opinjonijiet motivati.

[41] 2018: 37 opinjoni motivata; 2017: 52 opinjoni motivata; 2016: 65 opinjoni motivata.

[42] 2021: 4,4 % (16/360); 2020: 3,5 % (9/255); 2019: xejn; 2018: 6,5 % (37/569); 2017: 9 % (52/576); 2016: 10,5 % (65/620).

Mis-16-il opinjoni motivata li waslu fl-2021, **9** kienu relatati **mal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %"**, **3 mal-pakkett tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa**, **2 mal-Patt dwar il-migrazzjoni u l-ażil**, **1** mal-proposta għal Direttiva dwar **pagi minimi adegwati** fl-UE, u **1** mal-proposta li temenda **d-Direttiva dwar il-VAT** fir-rigward tal-għoti ta' setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sabiex tiddetermina t-tifsira tat-termini użati f'ċerti dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva.

Id-9 opinjonijiet motivati relatati ma' proposti **mill-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %"**, adottati mill-Kummissjoni fl-14 ta' Lulju 2021, ġew minn 4 Parlamenti nazzjonali[43] u koprew 13-il proposta differenti. Il-biċċa l-kbira ta' dawn kienu relatati mal-parti tal-pakkett li tmiss mas-solidarjetà bejn l-Istati Membri, bl-aktar tħassib espress ta' spiss li kien valutazzjoni insuffiċjenti tal-impatti u nuqqas ta' evidenza għall-valur miżjud tal-azzjoni Ewropea. Madankollu, l-ebda proposta individwali ma wasslet għal aktar minn tliet opinjonijiet motivati, u għalhekk l-ebda waħda ma laħqet il-livell limitu għal rispons aggregat mill-Kummissjoni[44], wisq anqas għal "karta safra"[45] li tkun teħtieġ li l-Kummissjoni tagħti raġunijiet għaż-żamma, għat-tibdil jew għall-irtirar tal-proposta tagħha.

Il-Kmamar tal-*Oireachtas* tal-Irlanda bagħtu żewġ opinjonijiet motivati dwar dan il-pakkett, li kull waħda minnhom kienet tkopri sitt proposti. Fl-ewwel waħda[46], huma argumentaw li l-proposti ma jikkonformawx mal-prinċipji tas-sussidjarjetà minħabba li l-Kummissjoni ma kinitx issodisfat b'mod adegwat ir-rekwiżiti proċedurali sabiex tipprovdi dikjarazzjoni dettaljata b'indikaturi kwantitattivi u kwalitattivi suffiċjenti, sabiex il-Parlamenti nazzjonali jkunu jistgħu jivvalutaw bis-sħiħ l-implikazzjonijiet kollha ta' proposti ta' din in-natura li jkopru l-UE kollha. Fit-tieni waħda[47], dwar punti oħrajn fil-pakkett, it-tħassib ewlieni tal-Kmamar tal-*Oireachtas*kien li n-"neċessità" u l-"benefiċċji akbar" tal-proposti b'kuntrast mal-miżuri meħudin fil-livell tal-Istati Membri ma kinux ġew stabbiliti b'mod adegwat u li, għalhekk, il-proposti la kienu proporzjonati u lanqas konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Esprimew ukoll tħassib speċifiku fir-rigward tal-proposta għal sistema ġdida separata għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għas-setturi tat-trasport bit-triq u tal-bini u l-allokazzjoni tad-dħul permezz tal-Fond Soċjali għall-Klima, indirizzata aktar fil-fond fil-paragrafi korrispondenti ta' hawn taħt.

Fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni ċċarat in-neċessità u l-benefiċċji akbar ta' dawn il-proposti u spjegat li kollha kemm huma kienu bbażati fuq il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-pjan dwar il-Mira Klimatika għall-2030[48], li kienet akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt estensiva li tirfed pjan komprensiv sabiex tiżdied b'mod responsabbli l-mira vinkolanti tal-UE għall-2030 għal tnaqqis nett fl-emissjonijiet ta' mill-inqas 55 %. Kull waħda mill-proposti koperti mill-opinjoni motivata kienet appoġġata minn valutazzjoni tal-impatt speċifika. Il-Kummissjoni indikat ukoll li kienet għamlet ħilitha sabiex tgħaqqad l-effetti tal-proposti ta' politika differenti f'valutazzjoni tax-xenarju ta' Stat Membru li tipprova tkopri l-impatt kombinat

43 Is-*Senát* Ċek, il-Kmamar tal-*Oireachtas* tal-Irlanda, ir-*Riksdag* tal-Iżvezja u s-*Sénat* Franċiż.

44 Il-Kummissjoni impenjat ruħha li twieġeb b'rispons aggregat jekk proposta tiskatta numru sinifikanti ta' opinjonijiet motivati (jiġifieri tal-anqas 4 opinjonijiet motivati li jirrappreżentaw tal-anqas 7 voti) iżda ma tkunx laħqet in-numru ta' voti neċessarji sabiex tiskatta "karta safra".

45 Il-limitu tal-"karta safra" jintlaħaq meta l-opinjonijiet motivati jirrappreżentaw tal-anqas terz tal-voti kollha allokati lill-Parlamenti nazzjonali (18 minn 54). Kull Parlament nazzjonali għandu żewġ voti; fil-każ ta' sistema bikamerali, kull kamra jkollha vot wieħed.

46 Li tkopri COM(2021) 552 final, COM(2021) 556 final, COM(2021) 559 final, COM(2021) 561 final, COM(2021) 562 final u COM(2021) 567 final.

47 Li tkopri COM(2021) 551 final, COM(2021) 554 final, COM(2021) 555 final, COM(2021) 557 final, COM(2021) 558 final u COM(2021) 568 final.

48 COM(2020) 562 final.

tagħhom (ix-xenarju "TAĦLITA"). Din l-informazzjoni kollha hija disponibbli għall-pubbliku online[49].

Dwar **il-Fond Soċjali għall-Klima**[50], ir-*Riksdag* tal-Iżvezja qajjem dubju dwar il-benefiċċju klimatiku tal-miżura, peress li l-appoġġ dirett għall-introjtu mhux neċessarjament iwassal għal tnaqqis fl-emissjonijiet u jikkontribwixxi għall-miri komuni. Ikkritika wkoll l-irbit dirett tal-appoġġ għall-introjtu tal-unitajiet domestiċi fil-livell nazzjonali mal-baġit tal-UE. Fit-tweġiba tagħha, il-Kummissjoni spjegat li l-Fond Soċjali għall-Klima ġie propost sabiex jindirizza l-impatt soċjali mhux uniformi potenzjali li sistema ġdida għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet jista' jkollha kemm fi ħdan l-Istati Membri kif ukoll bejniethom. L-objettivi tal-Fond għandhom jinkisbu permezz ta' appoġġ għall-investiment u permezz ta' appoġġ temporanju għall-introjtu. Madankollu, ma jkun hemm l-ebda pagament mill-baġit tal-UE direttament liċ-ċittadini. L-Istati Membri jirċievu appoġġ mill-baġit tal-UE u, sussegwentement, iħallsu l-appoġġ temporanju dirett għall-introjtu mill-baġits nazzjonali tagħhom, u kwalunkwe skema bħal din tkun stabbilita u ġestita mill-awtoritajiet nazzjonali skont il-leġiżlazzjoni u r-regolamentazzjoni nazzjonali.

Il-Kmamar tal-*Oireachtas* tal-Irlanda qajmu dubji dwar il-metodoloġija tal-Kummissjoni għall-kalkolu tal-allokazzjonijiet finanzjarji għall-Istati Membri mill-Fond Soċjali għall-Klima, minħabba nuqqas ta' *data* nazzjonali rilevanti. Fit-tweġiba tagħha, il-Kummissjoni spjegat li l-ħtiġijiet speċifiċi tal-Istati Membri differenti kienu riflessi fil-metodoloġija tal-allokazzjoni. L-operat tal-fond jiżgura wkoll li l-Istati Membri jkunu jistgħu jieħdu miżuri sabiex jikkomplementaw l-azzjoni klimatika fil-livell tal-UE. Huma jinsabu fl-aħjar pożizzjoni sabiex ifasslu u jagħżlu l-miżuri u l-investimenti li jirriflettu l-ispeċifiċitajiet nazzjonali.

Is-*Senát* Ċek ikkunsidra li l-proposta għal riformulazzjoni tad-Direttiva **dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija**[51] interferiet mas-setgħat tat-taxxa tal-Istati Membri b'diversi modi: i) billi l-Istati Membri ma tħallewx jistabbilixxu rati tat-taxxa differenti għal prodotti tal-enerġija fl-istess kategorija; ii) il-mekkaniżmu ta' indiċjar awtomatiku tal-livelli tat-taxxa kisru s-setgħat tat-taxxa tal-Istati Membri billi pprekluda politika tat-tassazzjoni razzjonali speċjalment meta jkun hemm inflazzjoni għolja; iii) il-livelli minimi tat-taxxa jikkostitwixxu element essenzjali u, għalhekk, għandhom jiġu aġġustati biss permezz ta' att leġiżlattiv, mhux permezz ta' att delegat tal-Kummissjoni; u iv) id-definizzjoni ta' unitajiet domestiċi vulnerabbli li jistgħu jibbenefikaw minn tnaqqis fit-taxxa ma kinitx flessibbli biżżejjed u kienet tillimita b'mod sinifikanti l-għażliet tal-Istati Membri sabiex jindirizzaw l-impatti soċjali tad-Direttiva.

Il-Kummissjoni wieġbet li l-proposta żammet il-flessibbiltà għall-Istati Membri sabiex jadattaw il-leġiżlazzjoni nazzjonali b'tali mod li jagħmluha adattata għall-kuntest u għall-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom. L-istruttura tat-taxxa proposta tkun tiġbor flimkien il-prodotti tal-enerġija u l-elettriku f'kategoriji u tikklassifikahom skont il-prestazzjoni ambjentali tagħhom, u gruppi ta' prodotti b'karatteristiċi simili (bħall-fjuwils fossili) ikollhom l-istess trattament tat-taxxa. Madankollu, l-Istati Membri jkunu liberi li jistabbilixxu l-livelli ta' tassazzjoni tagħhom 'il fuq mill-valuri minimi kif iqisu xieraq, dment li jirrispettaw din il-klassifikazzjoni. Il-mekkaniżmu ta' indiċjar propost, ibbażat fuq indiċi armonizzat mill-Eurostat, iżomm ir-rilevanza tar-rati minimi tat-taxxa u l-valur reali tagħhom maż-żmien. Fl-aħħar nett, l-eżenzjoni mit-taxxa possibbli għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli tkun marbuta ma' kriterju armonizzat iżda l-applikazzjoni ta' dan il-kriterju tkun tiddependi mis-sitwazzjonijiet nazzjonali.

49 https://energy.ec.europa.eu/data-and-analysis/energy-modelling_mt
50 COM(2021) 568 final.
51 COM(2021) 563 final.

Fl-opinjoni motivata tiegħu dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva tal-UE dwar **is-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet**[52], is-*Senát* Ċek qies li l-valutazzjoni tal-impatt u l-analiżi li jakkumpanjaw il-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni ma kinux jinkludu analiżijiet tal-impatti speċifiċi għall-pajjiżi. Sostna li l-Kummissjoni ma kinitx qieset biżżejjed l-effetti soċjali u ekonomiċi negattivi tal-introduzzjoni tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet fis-setturi tat-trasport bit-triq u tal-bini fl-Istati Membri b'kapaċità tal-akkwist aktar baxxa, speċjalment fid-dawl tan-nuqqas ta' mekkaniżmi għall-prevenzjoni tal-kummerċ spekulattiv.

Fit-tweġiba tagħha, il-Kummissjoni spjegat li x-xenarju ta' politika, li jgħaqqad il-proposti ta' politika differenti, huwa mibni fuq *data* speċifika għall-pajjiżi disponibbli għall-pubbliku. Il-Kummissjoni kienet ipproponiet l-introduzzjoni ta' prezz tal-karbonju minbarra politiki fil-livell nazzjonali minħabba li s-snin ta' qabel kienu wrew li l-politiki Ewropej u nazzjonali eżistenti sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet fis-setturi tat-trasport bit-triq u tal-bini ma pprovdewx riżultati suffiċjenti sabiex jintlaħaq l-objettiv għat-tnaqqis tal-emissjonijiet b'55 % sal-2030. Li kieku l-applikazzjoni tal-ipprezzar tal-karbonju għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-bini u mit-trasport bit-triq ikollha impatt soċjali mhux uniformi kemm fi ħdan l-Istati Membri kif ukoll bejniethom, il-Fond Soċjali għall-Klima jindirizza dawn l-impatti fuq l-aktar persuni u unitajiet domestiċi vulnerabbli.

Il-Kmamar tal-Oireachtas tal-Irlanda argumentaw li s-sistema proposta għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet x'aktarx ma tipprovdix livell komparabbli ta' dħul bħat-taxxa nazzjonali fuq il-karbonju u, għalhekk, ikollha impatt fuq il-kapaċità tal-Irlanda li timplimenta miżuri klimatiċi sabiex tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u tilħaq il-mira nazzjonali tagħha ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra żero netti. Azzjoni tal-Istati Membri tkun aktar effettiva milli azzjoni tal-UE. Il-Kummissjoni wieġbet li s-sistema l-ġdida għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ma tkunx timpedixxi lill-Istati Membri milli jimplimentaw politiki nazzjonali aktar ambizzjużi dwar l-ipprezzar tal-karbonju permezz tat-tassazzjoni, jekk ikunu jixtiequ hekk.

Dwar il-proposta għal Regolament dwar **il-varar ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi**[53], is-*Senát* Ċek qies li l-Kummissjoni ma kinitx tat prova li l-miri vinkolanti proposti għall-infrastruttura dedikata għall-vetturi tqal kienu realistikament possibbli b'kost raġonevoli għall-Istati Membri, u, għalhekk, ma kinitx uriet il-valur miżjud reali tal-approċċ magħżul fil-livell tal-UE. Fit-tweġiba tagħha, il-Kummissjoni spjegat li l-miri vinkolanti jkunu japplikaw biss għan-network Ewropew ta' toroq pubbliċi ewlenin (in-"network TEN-T"), u li l-attrezzar tiegħu b'infrastruttura xierqa jkun jeħtieġ azzjoni fil-livell tal-UE minħabba l-karattru tranżnazzjonali tiegħu u l-importanza tiegħu madwar l-Ewropa. Filwaqt li r-Regolament propost ħalla għad-diskrezzjoni tal-Istati Membri li jiddeterminaw il-mezzi sabiex jilħqu l-miri, l-Istati Membri li jipprevedu l-kofinanzjament jkunu jistgħu jagħmlu użu mill-fondi pprovduti mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

Dwar il-parti tal-enerġija tal-pakkett "lesti għall-mira ta" 55 %" – jiġifieri l-proposti dwar **id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli**[54] u dwar **id-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika**[55] – il-Kummissjoni rċiviet żewġ opinjonijiet motivati, mir-*Riksdag* tal-Iżvezja dwar l-ewwel proposta u mis-*Senát* Ċek dwar iż-żewġ proposti. Huma kkritikaw il-livell dettaljat ta' regolamentazzjoni (*Riksdag*), u qiesu li s-sitwazzjonijiet speċifiċi fl-Istati Membri ma ġewx ikkunsidrati (*Senát*). B'dawn il-proposti, jiġu esklużi soluzzjonijiet aktar kosteffettivi u effiċjenti (*Riksdag*, *Senát*). Barra minn hekk, il-miri ġew iddubitati dwar is-sustanza, speċjalment fis-settur tat-tisħin, pereżempju fir-rigward tat-tisħin distrettwali[56] (*Senát*). Dwar l-enerġija rinnovabbli, is-

[52] COM(2021) 551 final.
[53] COM(2021) 559 final.
[54] COM(2021) 557 final.
[55] COM(2021) 558 final.
[56] It-tisħin jew it-tkessiħ distrettwali tfisser id-distribuzzjoni tal-enerġija termali fil-forma ta' fwar, ta' misħun

*Senát* enfasizza li minħabba s-sitwazzjoni ġeografika taċ-Ċekja u l-potenzjal limitat għall-enerġiji rinnovabbli fil-pajjiż, l-enerġija nukleari għandha tiġi rrikonoxxuta bħala sostenibbli fit-tassonomija tal-UE, kif ukoll il-gass għal perjodu tranżizzjonali.

Il-Kummissjoni argumentat li l-azzjoni tal-UE hija ġġustifikata f'konformità mal-Artikolu 191 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, peress li l-koordinazzjoni fil-livell tal-UE żżid is-sigurtà tal-enerġija u l-benefiċċji ambjentali u klimatiċi. Qafas leġiżlattiv effettiv u approċċ koordinat u armonizzat fil-livell tal-UE kienu meħtieġa sabiex tintlaħaq il-mira ewlenija tal-UE tal-effiċjenza fl-enerġija. L-Istati Membri jżommu l-flessibbiltà fejn tidħol l-għażla tat-taħlita ta' politiki tagħhom, tas-setturi u tal-miżuri individwali sabiex jiksbu l-iffrankar tal-enerġija meħtieġ, filwaqt li jqisu l-kuntest u l-ispeċifiċitajiet nazzjonali tagħhom. Il-mira vinkolanti ta' tnaqqis ta' 9 % tal-UE relatata mal-konsum tal-enerġija primarja u mal-konsum finali tal-enerġija kienet neċessarja bħala parti mill-pakkett leġiżlattiv li se jwassal għat-tnaqqis ta' 55 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra.

Dwar il-proposta li temenda r-Regolament dwar **l-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (land use, land use change and forestry, LULUCF)**[57], is-*Sénat* Franċiż esprima tħassib, filwaqt li rrikonoxxa li l-istabbiliment ta' mira ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra żero netti għall-UE sal-2050 kellu valur miżjud tal-UE. Huwa qies li l-għoti tas-setgħa lill-Kummissjoni, għall-perjodu 2026-2029, li tadotta atti ta' implimentazzjoni b'kamp ta' applikazzjoni potenzjalment mingħajr limitu sabiex timponi livelli vinkolanti tas-$CO_2$ għall-attivitajiet agrikoli fuq kull Stat Membru ma kienx jirrispetta l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Barra minn hekk, iddikjara li l-arranġamenti ta' governanza assoċjati mal-istabbiliment tal-miri tal-Istati Membri għall-perjodu 2026-2030 ma stabbilewx biżżejjed il-proċeduri ta' monitoraġġ għall-Parlamenti nazzjonali.

Fit-tweġiba tagħha, il-Kummissjoni spjegat li kienet ipproponiet mira għall-2030 allinjata ma' trajettorja lejn settur tal-art newtrali għall-klima fl-2035 u li d-distribuzzjoni proposta bejn l-Istati Membri kienet ibbażata fuq żewġ elementi: i) kull Stat Membru jżomm il-livell reċenti ta' assorbimenti u ta' emissjonijiet irrapportati tiegħu (jiġifieri l-medja għall-perjodu 2016 sa 2018) – li jirrappreżenta l-istess livell ta' tluq kif applikat skont ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi; ii) id-distakk li kellu jitneħħa sabiex tintlaħaq il-mira tal-UE fl-2030 jitqassam b'mod proporzjonat mal-erja tal-art ġestita f'kull Stat Membru. Il-Kummissjoni ċċarat li l-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu l-miri. Dwar il-governanza, il-Kummissjoni spjegat li bit-tranżizzjoni lejn il-miri nazzjonali annwali għall-użu tal-art, għat-tibdil fl-użu tal-art u għas-settur tal-forestrija fil-perjodu mill-2026 sal-2030, jiġu introdotti prinċipji simili għal dawk prevalenti fil-qafas ta' konformità skont ir-Regolament (UE) 2018/842 dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi. L-Istati Membri jintalbu jissottomettu pjanijiet nazzjonali li fihom jagħtu dettalji dwar il-kontribut tagħhom sabiex tintlaħaq il-mira tal-2035. Fl-aħħar nett, fl-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni tagħha, il-Kummissjoni indikat li kienet megħjuna minn Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima, li fih kienu rrappreżentati l-Istati Membri kollha.

Is-*Sénat* Franċiż ħareġ opinjonijiet motivati dwar kull waħda mit-tliet proposti **fil-Pakkett dwar l-Unjoni Ewropea tas-Saħħa**. Huwa kkritika dak li ra bħala ndħil fil-kompetenzi nazzjonali fil-proposta għal Regolament dwar **rwol imsaħħaħ għall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini**[58]. Is-*Sénat* qies li d-dritt previst tal-Kummissjoni li tieħu l-miżuri neċessarji kollha sabiex ittaffi l-effetti ta' nuqqas attwali jew potenzjali ta' mediċini jew ta' apparati mediċi, meqjus bħala kritiku f'kuntest ta' emerġenza tas-saħħa, kien f'kunflitt mal-kompetenza tal-Istati Membri li jipprovdu

jew ta' likwidi mkessħin, minn sorsi ċentrali jew deċentralizzati permezz ta' network għal diversi binjiet jew siti f'distrett. Ara d-definizzjoni fl-Artikolu 2(19) tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

57 COM(2021) 554 final.

58 COM(2020) 725 final.

servizzi tas-saħħa u tal-kura medika, f'konformità mal-Artikolu 168(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Fil-proposta għal Regolament dwar **iċ-Ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard**[59], is-*Sénat* ikkritika l-allegata armonizzazzjoni tal-liġijiet jew tar-regolamenti tal-UE meħtieġa għall-interoperabbiltà tal-pjanijiet nazzjonali ta' tħejjija u ta' rispons għal theddid transfruntier serju għas-saħħa bħala li tmur kontra t-Trattati u, b'referenza għall-valutazzjoni tal-impatt, iddubita mill-kapaċità taċ-ċentru li jwettaq evalwazzjonijiet u awditi. Dwar il-proposta għal Regolament dwar **theddid transfruntier serju għas-saħħa**[60], is-*Sénat* ikkritika l-użu ta' atti ta' implimentazzjoni u indika kunflitt ta' kompetenzi u inċertezzi fir-rigward tal-koordinazzjoni mal-mekkaniżmu integrat tal-UE ta' rispons għall-kriżijiet politiċi.

Fit-tweġiba tagħha, il-Kummissjoni argumentat kontra l-fehma li r-Regolament propost dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini kien jikser ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri skont l-Artikolu 168(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, peress li l-emerġenzi tas-saħħa pubblika bil-kobor tal-kriżi tal-COVID-19 għandhom riperkussjonijiet fuq l-Istati Membri kollha, li individwalment ma jistgħux jipprovdu rispons suffiċjenti. Il-monitoraġġ ikkoordinat fil-livell tal-UE ta' nuqqasijiet possibbli jista' jgħin lill-Istati Membri jħejju aħjar għal żieda f'daqqa fid-domanda, jevitaw restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni fis-suq uniku, jipprevjenu l-ħolqien ta' riżervi eċċessivi u sproporzjonati, u jallokaw ir-riżorsi b'mod aktar effiċjenti fil-livelli nazzjonali u Ewropej. L-ebda waħda mill-proposti tagħha ma tkun teħtieġ l-armonizzazzjoni tal-pjanijiet ta' tħejjija, tal-liġijiet jew tar-regolamenti nazzjonali. Il-miżuri ta' implimentazzjoni kienu sempliċiment relatati mal-proċeduri u la jagħtu setgħat addizzjonali lill-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa u lanqas ma jagħmlu vinkolanti l-opinjonijiet tal-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa.

Bħal fl-2020, **il-Patt il-ġdid dwar il-migrazzjoni u l-ażil**[61] wassal ukoll għal opinjonijiet motivati fl-2021, min-*Národná rada* tas-Slovakkja dwar il-proposta dwar il-ġestjoni tal-ażil u tal-migrazzjoni[62] u mis-*Senato della Repubblica* Taljan dwar il-ħames proposti leġiżlattivi li jsawru l-pakkett[63]. In-*Národná Rada* qies li kien hemm ksur tal-prinċipju tas-sussidjarjetà minħabba li l-proposta naqset milli tidentifika l-bażi legali għall-koeffiċjent tad-distribuzzjoni u għall-kompetenzi tal-Aġenzija Ewropea għall-Ażil u tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta. Xeħet dubju wkoll fuq l-użu ta' atti delegati u argumenta li kull Stat Membru kien kompetenti sabiex jiddeċiedi dwar l-ammissjoni ta' persuni fit-territorju tiegħu stess, fuq il-bażi tal-liġijiet nazzjonali tiegħu dwar l-ażil. Is-*Senato della Repubblica* ra ksur tas-sussidjarjetà sa fejn il-proposti wrew assimetrija evidenti bejn l-obbligi u s-solidarjetà u ma kinux isolvu l-problemi attwali u, għalhekk, azzjoni fil-livell tal-UE ma kellha l-ebda valur miżjud. Fir-rigward tal-proporzjonalità, is-*Senato* ddikjara li s-sistema ta' "qabel id-dħul" tirriskja li taffettwa b'mod eċċessiv l-ordinament ġuridiku nazzjonali u l-protezzjoni ġudizzjarja fil-pajjiż tad-dħul; li l-limitu, li taħtu trid tiġi attivata l-proċedura fuq il-fruntiera, kien ifisser li kważi l-migranti marittimi kollha jkunu soġġetti għall-proċedura fuq il-fruntiera minflok għall-proċeduri ta' rilokazzjoni; u li r-regolamentazzjoni tal-mekkaniżmu għall-isponsorizzazzjoni tar-ritorni kienet iżżid l-ispejjeż u l-burokrazija għall-Istat Membru tad-dħul.

Fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni spjegat li l-koeffiċjent tad-distribuzzjoni ma kienx element ġdid u li l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-

59 COM(2020) 726 final.
60 COM(2020) 727 final.
61 COM(2020) 609 final, COM(2020) 610 final, COM(2020) 611 final, COM(2020) 612 final, COM(2020) 613 final, COM(2020) 614 final, C(2020) 6467 final, C(2020) 6468 final, C(2020) 6469 final, C(2020) 6470 final u COM(2020) 758 final.
62 COM(2020) 610 final.
63 COM(2020) 610 final, COM(2020) 611 final, COM(2020) 612 final, COM(2020) 613 final, COM(2020) 614 final.

Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) ikunu qegħdin hemm sabiex jiffaċilitaw biss l-aspetti operazzjonali ta' att ta' implimentazzjoni. Dwar l-atti delegati, il-Kummissjoni enfasizzat li dawn id-dispożizzjonijiet kienu bbażati fuq ir-Regolament Dublin III u ma jbiddlux ir-regoli fis-seħħ bħalissa. Innotat ukoll li l-Artikolu 78(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jżid għażla speċifika għall-Kunsill sabiex jaġixxi jekk ikun hemm emerġenza kkaratterizzata minn żieda f'daqqa fil-wasliet ta' ċittadini minn pajjiżi terzi. Huwa biss jekk ritorn mit-territorju tal-Istati Membri benefiċjarji ma jirnexxiex li l-Istat Membru sponsor jintalab jittrasferixxi l-migrant irregolari fit-territorju tiegħu sabiex ikompli bl-isforzi sabiex jirritorna l-migrant.

Il-Kummissjoni qieset li l-patt jsib il-bilanċ bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà, peress li numru ta' eċċezzjonijiet kienu jiżguraw il-flessibbiltà tal-proċedura fuq il-fruntiera u l-każijiet li fihom trid tiġi applikata. Il-kriterju ta' responsabbiltà marbut mal-ewwel pajjiż ta' dħul għandu jitqies flimkien mal-kriterji l-oħrajn ta' responsabbiltà. L-iskop tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà tal-patt kien ukoll li jnaqqas in-numru ta' persuni preżenti fl-Istati Membri b'numru kbir ta' wasliet u li jipprovdi appoġġ fil-bini tal-kapaċità, fl-operazzjonijiet u fil-miżuri fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni fejn dawn jistgħu jaffettwaw il-flussi migratorji lejn Stati Membri partikolari. L-isponsorizzazzjoni tar-ritorni ma żżidx l-ispejjeż għall-Istat Membru benefiċjarju.

Dwar il-proposta għal Direttiva dwar **pagi minimi adegwati fl-UE**[64], adottata fit-28 ta' Ottubru 2020, il-Kummissjoni rċiviet it-tielet opinjoni motivata, mill-Kamra tad-Deputati ta' Malta, wara ż-żewġ opinjonijiet motivati li diġà ġew riċevuti fl-2020[65].

Il-Kamra tad-Deputati kkontestat l-għażla tal-bażi legali. F'termini ta' sussidjarjetà, hija qieset li l-objettivi tal-proposta setgħu jintlaħqu b'mod effettiv mill-azzjoni tal-Istati Membri, minħabba d-differenzi fl-iffissar tal-pagi. Għall-kuntrarju, il-proposta jista' jkollha effetti negattivi, bħal li tagħmel il-proċess ta' negozjar kollettiv aktar impenjattiv u żżid ir-riskju ta' kunflitt industrijali f'xi setturi.

Il-Kummissjoni spjegat li l-maġġoranza tal-Istati Membri kienu qed jiffaċċjaw il-problema ta' adegwatezza u/jew ta' kopertura insuffiċjenti tal-pagi minimi, u l-azzjoni fil-livell nazzjonali kienet uriet li ma kinitx biżżejjed sabiex tindirizza l-problema. Enfasizzat id-differenzi kbar fl-istandards għall-aċċessar ta' protezzjoni adegwata tal-paga minima u li tali diskrepanzi jistgħu jiġu indirizzati bl-aħjar mod fil-livell tal-UE. L-Istati Membri b'kopertura ta' negozjar kollettiv ta' anqas minn 70 % ikollhom jipprovdu qafas ta' kundizzjonijiet abilitanti u jfasslu pjan ta' azzjoni sabiex jippromwovu n-negozjar kollettiv, iżda, fi kwalunkwe aspett ieħor, it-tfassil tal-qafas u tal-pjan ta' azzjoni jkun kompletament f'idejn il-pajjiżi individwali.

Dwar il-proposta **li temenda d-Direttiva dwar il-VAT** fir-rigward tal-għoti ta' setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sabiex tiddetermina t-tifsira tat-termini użati f'ċerti dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva, ir-*Riksdag* tal-Iżvezja afferma mill-ġdid f'opinjoni motivata l-importanza tar-rekwiżit tal-unanimità dwar it-tassazzjoni u qies li l-proċedura tat-teħid ta' deċiżjonijiet proposta mill-Kummissjoni tkun tfisser trasferiment ta' setgħa mil-livell nazzjonali għal dak tal-UE f'qasam li huwa ċentrali għas-sovranità nazzjonali, b'mod li jmur lil hinn minn dak li jkun neċessarju sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-proposta.

Il-Kummissjoni wieġbet li l-applikazzjoni mhux armonizzata mill-Istati Membri ta' kunċetti li jinsabu fid-Direttiva dwar il-VAT kienet tfixkel il-funzjonament mingħajr xkiel tas-suq intern u x'aktarx li twassal għal tassazzjoni doppja jew għal nontassazzjoni, u li ma kienx possibbli għall-Istati Membri waħedhom li jindirizzaw dawn il-problemi. Il-proposta pprovdiet għall-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni mill-Kummissjoni biss fir-rigward ta' sett limitat ta' regoli li

---

64 COM(2020) 682 final.

65 Ara t-Taqsima 3 tar-rapport tal-2020 għal aktar informazzjoni.

jimplimentaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-VAT, li għalihom kienet meħtieġa applikazzjoni uniformi tal-kunċetti fil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-VAT. Il-proċeduri tal-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata u ta' kumitat diġà ntużaw fir-rigward tat-tassazzjoni indiretta, u l-proċedura ta' kumitat kienet l-approċċ standard li ilu żmien twil jintuża fid-dritt tal-Unjoni għall-iffaċilitar tal-ħolqien ta' viżjoni u ta' prattika komuni.

## 4. DJALOGU POLITIKU BIL-MIKTUB MAL-PARLAMENTI NAZZJONALI

Minbarra l-mekkaniżmu ta' skrutinju tas-sussidjarjetà stabbilit fil-Protokoll Nru 2 tat-Trattati, ir-relazzjonijiet tal-Kummissjoni mal-Parlamenti nazzjonali jinkludu wkoll firxa ta' attivitajiet ulterjuri, b'mod partikolari d-djalogu politiku li ġie stabbilit fl-2006. Dan jinkludi skambji bil-miktub dwar kwalunkwe inizjattiva tal-Kummissjoni li l-Parlamenti nazzjonali jridu jagħtu kontribut jew jikkummentaw dwarha u djalogu politiku orali, deskritt aktar fit-Taqsima 5 aktar 'il quddiem.

**Osservazzjonijiet ġenerali**

Fl-2021, il-Parlamenti nazzjonali bagħtu 360 opinjoni lill-Kummissjoni. Dan kien jirrappreżenta żieda sinifikanti meta mqabbel mas-sentejn preċedenti (255 fl-2020 u 159 fl-2019) iżda kien għadu anqas mis-snin tan-nofs tal-mandat preċedenti tal-Kummissjoni (569 fl-2018, 576 fl-2017 u 620 fl-2016).






Minn dawn it-360 opinjoni, 199 (55,3 %), inklużi s-16-il opinjoni motivata (4,4 %), kienu relatati ma' dawk il-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni li kienu soġġetti għall-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà[66]. Dawn huma numru u perċentwal ferm ogħla milli fis-sentejn ta' qabel, x'aktarx konsegwenza taż-żieda fin-numru ta' proposti leġiżlattivi ppreżentati mill-Kummissjoni.

Il-161 opinjoni li jifdal (44,7 %) kienu jikkonċernaw prinċipalment inizjattivi mhux leġiżlattivi, bħal komunikazzjonijiet, jew kienu opinjonijiet fuq inizjattiva proprja mhux relatati direttament ma' inizjattiva tal-Kummissjoni, b'numru stabbli (156 fl-2020) li wrew li xi Parlamenti nazzjonali għadhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'kontribut politiku siewi li jħares 'il quddiem.

Il-Kummissjoni dejjem tiġbed l-attenzjoni tas-servizzi u tal-Kummissarji rilevanti tal-Kummissjoni u, għal proposti leġiżlattivi, tar-rappreżentanti tal-Kummissjoni li jieħdu sehem fin-negozjati tal-koleġiżlaturi, lejn il-punti mqajmin mill-Parlamenti nazzjonali jew mill-kmamar.

**Parteċipazzjoni u kamp ta' applikazzjoni**

Bħal fis-snin preċedenti, in-numru ta' opinjonijiet mibgħuta lill-Kummissjoni varja b'mod sinifikanti bejn il-Parlamenti nazzjonali. L-aktar 10 kmamar attivi ħarġu 285 opinjoni. Dan huwa 79 % tat-total, allinjat mal-medja għal dawn l-aħħar snin[67]. In-numru ta' Parlamenti nazzjonali jew ta' kmamar li ma ħarġu l-ebda opinjoni naqas[68] għal 8 ikmamar (minn total ta' 39)[69], li jfisser li 5 Stati Membri[70] – li jirrappreżentaw anqas minn għoxrin fil-mija tat-total – ma involvewx irwieħhom fid-djalogu politiku bil-miktub fl-2021. Dan juri interess dejjem akbar mill-Parlamenti nazzjonali fil-parteċipazzjoni fl-iskrutinju tas-sussidjarjetà u fid-djalogu politiku.

---

66 Għal aktar informazzjoni dwar il-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà u d-djalogu politiku, ara https://ec.europa.eu/info/law/law-making-process/adopting-eu-law/relations-national-parliaments_mt.
Proposti leġiżlattivi relatati ma' politiki li fihom l-UE għandha kompetenza esklużiva ma humiex soġġetti għal skrutinju tas-sussidjarjetà mill-Parlamenti nazzjonali.

67 2020: 85 %; 2019: 73 %; 2018: 83 %; 2017: 74 %; 2016: 73 %.

68 12 fl-2020, 17 fl-2019, 10 fl-2018.

69 Ix-*Chambre des Représentants de Belgique* / Belgische *Kamer van volksvertegenwoordigers* tal-Belġju, il-*Bundestag* tal-Ġermanja, il-*Vouli ton Antiprosopon* ta' Ċipru, ir-*Riigikogu* tal-Estonja, is-*Saeima* tal-Latvja, ix-*Chambre des Députés* tal-Lussemburgu, id-*Državni svet* u *Državni zbor* tas-Slovenja.

70 Il-Parlamenti nazzjonali minn Ċipru, mill-Estonja, mil-Latvja, mil-Lussemburgu u mis-Slovenja.

Is-12-il Parlament nazzjonali jew kamra[71] li bagħtu l-ogħla numru ta' opinjonijiet fl-2021 kienu: il-*Cortes Generales* ta' Spanja (57 opinjoni), l-*Assembleia da República* tal-Portugall (54 opinjoni), is-*Senát* taċ-Ċekja (47 opinjoni), il-*Camera Deputaților* tar-Rumanija (27 opinjoni), il-*Bundesrat* tal-Ġermanja (24 opinjoni), is-*Senat* tar-Rumanija (18-il opinjoni), is-*Sénat* ta' Franza (17-il opinjoni), l-*Eerste Kamer* tan-Netherlands (17-il opinjoni), il-*Poslanecká sněmovna* taċ-Ċekja (12-il opinjoni), il-*Camera dei Deputati* tal-Italja (12-il opinjoni), is-*Senat*tal-Polonja (12-il opinjoni) u r-*Riksdag* tal-Iżvezja (12-il opinjoni). Dawn kienu wkoll fost l-aktar kmamar attivi fis-snin ta' qabel. L-Anness 2 jagħti dettalji dwar in-numru ta' opinjonijiet mibgħutin minn kull kamra.

In-natura tal-opinjonijiet varjat ukoll minn Parlament nazzjonali jew minn kamra għal oħra. Xi wħud iffokaw l-aktar fuq il-verifika ta' jekk proposta tal-Kummissjoni kinitx konformi mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, filwaqt li oħrajn ikkummentaw f'aktar dettall dwar il-kontenut tal-proposti jew bagħtu opinjonijiet fuq inizjattiva proprja. Fost dan il-grupp tal-aħħar, is-*Senát* taċ-Ċekja, il-*Camera Deputaților* u s-*Senat* tar-Rumanija, il-*Bundesrat* tal-Ġermanja, u s-*Sénat* ta' Franza kienu partikolarment attivi.




### Is-suġġetti ewlenin tal-opinjonijiet fid-djalogu politiku

**Il-pakketti** li rċivew l-ogħla grad ta' attenzjoni fl-2021 kienu "Lesti għall-mira ta' 55 %" (49 opinjoni), il-Patt il-ġdid dwar il-migrazzjoni u l-ażil (17-il opinjoni), is-servizzi diġitali (17-il opinjoni) u l-Unjoni Ewropea tas-Saħħa (11-il opinjoni). Fir-rigward ta' **inizjattivi** individwali, il-Parlamenti nazzjonali bagħtu l-biċċa l-kbira tal-opinjonijiet dwar l-Att dwar is-Servizzi Diġitali (10 opinjonijiet), il-proposta dwar pagi minimi adegwati (9 opinjonijiet), iż-żewġ proposti dwar iċ-Ċertifikat Covid Diġitali tal-UE (8 opinjonijiet kull waħda), il-proposta għal Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil (7 opinjonijiet), l-Att dwar is-Swieq Diġitali (7 opinjonijiet), il-proposta għal Fond Soċjali għall-Klima (6 opinjonijiet), il-proposta emendata li tistabbilixxi proċedura komuni għall-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni (6 opinjonijiet) u l-proposta dwar paga ugwali għal xogħol ugwali (6 opinjonijiet). Fis-6 opinjonijiet dwar il-programm ta' ħidma

---

71 L-erbgħa li kklassifikaw fid-disa' post kellhom l-istess ammont.

tal-Kummissjoni għall-2021, il-Parlamenti nazzjonali indikaw ukoll lill-Kummissjoni l-prijoritajiet annwali tagħhom għall-2021.

Mid-49 opinjoni dwar **il-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %",** 9 kienu opinjonijiet motivati (diġà dettaljati fit-taqsima preċedenti), u 14 sempliċiment ikkonfermaw il-konformità tal-proposti mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Fost l-inizjattivi inklużi fil-pakkett, l-aktar waħda kkummentata kienet il-proposta li temenda r-Regolament dwar l-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF)[72], il-proposta għal Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika[73], il-proposta għal Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli[74], il-proposta għar-reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija[75], il-proposta għal Regolament li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri[76], il-proposta għal Regolament li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima[77] u l-Komunikazzjoni dwar l-istrateġija l-ġdida tal-UE għall-foresti[78].

Dwar il-proposta li temenda r-Regolament dwar **l-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF)**, il-Kummissjoni rċiviet tliet opinjonijiet[79] fil-qafas tad-djalogu politiku. Waħda minn dawn esprimiet tħassib dwar il-kapaċità li jinkisbu emissjonijiet ta' gassijiet serra żero netti sal-2035, innotat nuqqas ta' inċentivi sabiex jiżdiedu l-assorbimenti (li huma neċessarji sabiex jinkisbu emissjonijiet ta' gassijiet serra żero netti), qieset li r-rapportar akkurat u armonizzat u sistema ta' penali huma elementi importanti sabiex jintlaħqu l-objettivi tar-regolament propost, u qieset li l-miżuri sabiex jinkisbu emissjonijiet ta' gassijiet serra żero netti diġà għandhom jiġu inklużi fil-pjanijiet strateġiċi tal-politika agrikola komuni għall-2023-2027. Opinjoni oħra talbet lill-Kummissjoni tħejji studju tal-impatt li jiddeskrivi l-fattibbiltà speċifika tal-miżuri proposti u li jikkwantifika l-effetti tal-bidliet ippjanati, speċjalment l-ispejjeż u l-benefiċċji għaċ-Ċekja.

Fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni spjegat kif hija tippjana li tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra żero netti u x'valutazzjonijiet tal-impatt għamlet qabel ma ppreżentat il-proposti "Lesti għall-mira ta' 55 %". Fir-rigward tal-miri tal-2030 u tal-2035, hija enfasizzat l-importanza li tirċievi pjanijiet strateġiċi ambizzjużi mill-Istati Membri għall-politika agrikola komuni għall-2023-2027 u laqgħet l-appoġġ għal monitoraġġ u għal rapportar akkurati u armonizzati, kif ukoll għal sistema ta' penali, bħala elementi essenzjali sabiex jintlaħqu l-objettivi tar-regolament propost.

Il-Kummissjoni rċiviet sitt opinjonijiet dwar il-parti tat-tassazzjoni tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", tlieta[80] dwar il-proposta għall-istabbiliment ta' **mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri**[81] u tlieta[82], li jinkludu opinjoni motivata[83], dwar il-proposta għal **riformulazzjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija**[84]. Dwar il-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri, il-Parlamenti nazzjonali staqsew dwar il-kompatibbiltà tiegħu mar-regoli tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, l-impatt tal-mekkaniżmu fuq il-kompetittività tal-UE u l-possibbiltà li jinżammu kwoti mingħajr ħlas temporanjament. Il-

[72] COM(2021) 554 final.
[73] COM(2021) 558 final.
[74] COM(2021) 557 final.
[75] COM(2021) 563 final.
[76] COM(2021) 564 final.
[77] COM(2021) 568 final.
[78] COM(2021) 572 final.
[79] Is-*Senat* tal-Polonja, is-*Senát* taċ-Ċekja u l-*Cortes Generales* ta' Spanja.
[80] Is-*Senat* taċ-Ċekja, il-*Cortes Generales* ta' Spanja u s-*Senat* tal-Polonja.
[81] COM(2021) 564 final.
[82] Is-*Senat* taċ-Ċekja, il-*Bundesrat* tal-Ġermanja u l-*Cortes Generales* ta' Spanja.
[83] Is-Senat taċ-Ċekja diġà kkummenta dwarha fit-taqsima preċedenti.
[84] COM(2021) 563 final.

Kummissjoni wieġbet li l-proposta kienet tfasslet f'konformità mar-regoli tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, li l-valutazzjoni tal-impatt tagħha wriet li l-impatt fuq il-kompetittività jkun baxx, u li ż-żamma ta' kwoti mingħajr ħlas tirriskja li tnaqqas l-inċentiv għall-investiment fi produzzjoni aktar ekoloġika. Dwar ir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija, filwaqt li l-opinjoni motivata esprimiet tħassib dwar l-interferenza mas-setgħat tat-taxxa tal-Istati Membri, iż-żewġ opinjonijiet l-oħrajn taw is-sostenn tagħhom, minkejja osservazzjoni dwar riskju ta' tassazzjoni doppja. Għal din tal-aħħar, il-Kummissjoni wieġbet li d-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija u s-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet ma kinux jirkbu fuq xulxin, peress li tal-ewwel tistabbilixxi dazji fuq il-konsum tal-enerġija filwaqt li tal-aħħar tindirizza l-emissjonijiet.

Dwar il-proposti dwar **id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli**[85] u dwar **id-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika**[86], minbarra l-opinjonijiet motivati li diġà saru kummenti dwarhom fit-taqsima preċedenti, il-Kummissjoni rċiviet opinjonijiet ġeneralment ta' sostenn minn tlett ikmamar[87]. Bħal fl-opinjonijiet motivati, ġiet espressa xi kritika dwar il-miri, fid-dawl tal-iskadenzi fil-proposti, speċjalment fir-rigward tas-settur tat-tisħin. Dwar l-enerġija rinnovabbli, kamra waħda enfasizzat li l-enerġija nukleari għandha tiġi rikonoxxuta bħala sostenibbli fit-tassonomija tal-UE, u hekk ukoll il-gass għal perjodu tranżizzjonali. Dwar il-miri u l-implikazzjoni tagħhom, il-Kummissjoni enfasizzat li qieset il-punti tat-tluq differenti tal-Istati Membri meta kienet qed tħejji l-proposta u, b'mod partikolari, meta pproponiet miri u parametri referenzjarji għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli b'mod ġenerali u f'setturi individwali. Enfasizzat li fl-aħħar għaxar snin, bis-saħħa tal-avvanzi teknoloġiċi, l-ispiża tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli naqset b'mod sinifikanti ħafna, u li, għalhekk, il-mira proposta ta' 40 % għas-sehem tal-enerġija rinnovabbli fl-UE sal-2030 kienet ekonomikament fattibbli. Fir-rigward tar-rwol tal-enerġija nukleari u tal-gass naturali, il-Kummissjoni nnotat li l-Att Delegat (Klimatiku) Komplementari għat-Tassonomija tal-UE jinkludi ċerti attivitajiet nukleari u tal-gass fil-kategorija ta' attivitajiet tranżizzjonali koperti mill-Artikolu 10(2) tar-Regolament dwar it-tassonomija, soġġetti għal kriterji stretti.

Il-Parlamenti nazzjonali appoġġaw il-ħolqien **tal-Fond Soċjali għall-Klima**[88], u kienu favur l-allokazzjoni ta' 25 % tad-dħul mis-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet għat-trasport bit-triq u għall-bini sabiex jappoġġaw it-trasformazzjoni tal-enerġija għall-persuni li jesperjenzaw faqar enerġetiku. Madankollu, kamra waħda esprimiet ukoll tħassib dwar id-definizzjoni madwar l-UE kollha ta' "faqar enerġetiku" għall-finijiet tal-identifikazzjoni ta' persuni u ta' entitajiet li jeħtieġu appoġġ mill-fond u qieset li din id-definizzjoni għandha tqis aħjar l-ispeċifiċitajiet tal-Istati Membri individwali. Kamra oħra esprimiet tħassib fir-rigward tal-istrumenti eżistenti fil-baġit tal-UE li kienu mfasslin sabiex jilħqu l-istess objettivi.

Dwar id-definizzjoni madwar l-UE ta' "faqar enerġetiku", il-Kummissjoni enfasizzat il-flessibbiltà li tat lill-Istati Membri fl-identifikazzjoni ta' unitajiet domestiċi, ta' mikrointrapriżi u ta' utenti tat-trasport vulnerabbli skont is-sitwazzjonijiet nazzjonali speċifiċi tagħhom. B'mod simili, ir-Regolament dwar il-Fond Soċjali għall-Klima jenfasizza li l-Istati Membri, f'konsultazzjoni mal-awtoritajiet fil-livell reġjonali, jinsabu fl-aħjar pożizzjoni sabiex ifasslu u jimplimentaw pjanijiet soċjali dwar il-klima li huma adattati għaċ-ċirkostanzi lokali, reġjonali u nazzjonali tagħhom u ffokati fuqhom. Dwar it-tħassib relatat mal-istrumenti eżistenti, il-Kummissjoni ċċarat li fondi oħrajn tal-UE li jappoġġaw il-ħidma tal-Istati Membri lejn tranżizzjoni ġusta għall-klima kellhom objettivi differenti mill-Fond Soċjali għall-Klima. Ma għandhomx l-istess perjodu ta' żmien u ma għandhomx l-enfasi fuq gruppi speċifiċi fil-mira li

---

85 COM(2021) 557 final.

86 COM(2021) 558 final.

87 Is-*Senat* tal-Polonja, il-*Bundesrat* tal-Ġermanja u l-*Cortes Generales* ta' Spanja.

88 COM(2021) 568 final.

għandu l-Fond Soċjali għall-Klima. Differenza kbira meta l-Fond Soċjali għall-Klima propost jitqabbel ma' ħafna fondi oħrajn kienet li dan kellu enfasi qawwija fuq il-ħtieġa li l-Istati Membri jwettqu riformi sabiex jiġġustifikaw l-użu minnhom tal-fond.

Il-proposta **għall-istrateġija l-ġdida tal-UE għall-foresti għall-2030**[89], li hija wkoll parti mill-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", wasslet għal tliet opinjonijiet[90]. Il-Parlamenti nazzjonali għarfu l-importanza tal-foresti fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, iżda qajmu tħassib dwar aktar ċentralizzazzjoni u aktar elementi supranazzjonali fl-istrateġija, filwaqt li t-Trattat ma kienx jistabbilixxi politika komuni dwar il-foresti. Barra minn hekk, il-valutazzjoni tal-impatti tal-miżuri previsti fuq l-Istati Membri ġiet ikkritikata bħala batuta u tqajmu mistoqsijiet dwar kif l-istrateġija kienet relatata mal-politika agrikola komuni u jekk il-miżuri proposti, speċjalment il-kamp ta' applikazzjoni propost tal-prodotti, kinux biżżejjed sabiex jiġġieldu d-deforestazzjoni globali u l-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam.

Il-Kummissjoni wieġbet li l-foresti u l-forestrija kienu jaqgħu taħt il-kompetenzi kondiviżi tal-UE u l-UE kienet eżerċitat dawn il-kompetenzi f'diversi każijiet, pereżempju d-Direttiva dwar il-Ħabitats jew ir-Regolament dwar l-Injam, filwaqt li dejjem irrispettat il-prinċipju tas-sussidjarjetà. Ġibdet l-attenzjoni lejn il-valutazzjoni tal-impatt ġenerali għat-tisħiħ tal-objettiv tal-UE ta' tnaqqis nett tal-emissjonijiet għall-2030, u għall-proposti leġiżlattivi speċifiċi skont il-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", li għalihom ġew koperti l-impatti speċifiċi għall-pajjiżi, fuq il-bażi ta' xenarju ta' referenza tal-UE li l-Istati Membri kienu ġew ikkonsultati dwaru. Hija żiedet li ż-żieda fis-sostenibbiltà u l-kunsiderazzjoni tal-kundizzjonijiet u tal-ħtiġijiet lokali kienu komuni kemm għall-istrateġija l-ġdida għall-foresti kif ukoll għall-politika agrikola komuni l-ġdida. Fir-rigward tal-kompetenza tal-Istati Membri li jinfurzaw miżuri ta' kontroll kontra l-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam, il-Kummissjoni tkun tappoġġa lill-awtoritajiet nazzjonali u tippromwovi l-użu estiż tal-intelligence ġeospazjali. Fl-aħħar nett, leġiżlazzjoni futura jkollha kamp ta' applikazzjoni progressiv tal-prodotti, li jippermetti enfasi fuq dawk il-prodotti u l-komoditajiet fejn l-impatt tad-deforestazzjoni u tad-degradazzjoni tal-foresti kien l-ogħla.

Fl-2021, il-Kummissjoni kompliet tirċievi opinjonijiet[91] dwar **il-patt il-ġdid dwar il-migrazzjoni u l-ażil**, adottat fit-23 ta' Settembru 2020. Dawn l-opinjonijiet urew pożizzjonijiet diverġenti, l-aktar fir-rigward tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà. Xi kmamar ħarġu opinjonijiet favorevoli, li waħda minnhom talbet xi informazzjoni addizzjonali fir-rigward tal-protezzjoni ġudizzjarja tar-refuġjati u tal-iskedi ta' żmien stabbiliti fil-proposta. Opinjoni oħra esprimiet dubju dwar l-effettività tal-mekkaniżmu u talbet li r-rilokazzjoni ssir obbligatorja minflok ma tippermetti sponsorizzazzjoni tar-ritorni. Kmamar oħrajn kienu mħassbin li kwalunkwe rilokazzjoni obbligatorja bbażata fuq kwoti tista' twassal għal żbilanċi nazzjonali, jekk ma tiġix ikkunsidrata s-sitwazzjoni oġġettiva fl-Istati Membri rispettivi. Xi wħud beżgħu li l-proċedura fuq il-fruntiera żżid piż addizzjonali fuq l-Istati Membri, u xi wħud wissew li din il-proposta tkun teħtieġ investiment addizzjonali fl-infrastrutturi u fil-persunal sabiex issir operazzjonali. F'termini aktar ġenerali, il-kmamar talbu wkoll approċċ li jqis id-drittijiet tar-refuġjati fil-passi proċedurali kollha, inklużi l-protezzjoni tad-*data* u r-rikorsi għal appell.

Fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni enfasizzat l-importanza li l-isponsorizzazzjoni tar-ritorni tiġi organizzata b'mod effettiv. L-iskop ta' dan kien li jiġi żgurat permezz ta' sforzi kollettivi kkoordinati sew mill-atturi rilevanti kollha – inkluża pereżempju l-Frontex – li r-ritorni jitwettqu malajr kemm jista' jkun, filwaqt li jiġi offrut appoġġ reali lill-Istat Membru benefiċjarju. L-Istati Membri dejjem ikollhom għażla bejn tal-anqas żewġ tipi ta' miżuri ta' solidarjetà, sabiex ir-

89 COM(2021) 572 final.

90 Ir-*Riksdag* tal-Iżvezja, is-*Senát* taċ-Ċekja u l-*Eerste Kamer* tan-Netherlands.

91 Il-*Bundesrat* tal-Ġermanja, il-*Vouli ton Ellinon* tal-Greċja, il-Kamra tad-Deputati ta' Malta u l-*Assembleia da República* tal-Portugall.

rilokazzjoni la tkun awtomatika u lanqas obbligatorja. L-Istati Membri jkunu jistgħu jagħmlu użu mill-fondi allokati għall-programmi nazzjonali tagħhom kemm taħt il-Fond eżistenti għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni kif ukoll taħt il-Fond il-ġdid għall-Migrazzjoni u l-Ażil sabiex jappoġġaw kwalunkwe investiment meħtieġ sabiex isostni l-proċedura fuq il-fruntiera. Dwar il-protezzjoni legali u d-drittijiet fundamentali, il-Kummissjoni enfasizzat li s-salvagwardji kollha jkunu garantiti f'kull ħin matul l-iskrinjar, u dan huwa ggarantit bl-obbligu għall-Istati Membri li jistabbilixxu mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti.

Il-Kummissjoni rċiviet 17-il opinjoni[92] minn 10 ikmamar[93] dwar **il-Pakkett tas-Servizzi Diġitali** (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali[94] u l-Att dwar is-Swieq Diġitali)[95]. Il-kummenti tal-Parlamenti nazzjonali ffokaw l-aktar fuq il-protezzjoni tal-konsumaturi u d-deżinjazzjoni tal-gwardjani fi pjattaformi kbar. Diversi kmamar talbu kjarifiki dwar il-koordinazzjoni bejn l-atti proposti u r-regoli settorjali u leġiżlazzjoni eżistenti oħra. Kamra minnhom enfasizzat il-ħtieġa li jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet tal-Istati Membri li jippreservaw il-pluraliżmu tal-media. Diversi kmamar esprimew tħassib dwar id-definizzjoni ta' kontenut illegali u t-tneħħija tiegħu, u talbu jew proposti leġiżlattivi ulterjuri rigward kontenut legali iżda dannuż jew sabiex id-deċiżjonijiet rilevanti jitħallew f'idejn qrati indipendenti. Diversi kmamar riedu jaraw il-pakkett propost jindirizza t-tixrid tad-diżinformazzjoni.

Fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni spjegat li l-pakkett il-ġdid kien tfassal bir-reqqa sabiex joqgħod fil-qafas legali eżistenti u enfasizzat li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jkunu involuti fl-infurzar tiegħu u jkunu jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni tiftaħ investigazzjonijiet dwar id-deżinjazzjoni tal-gwardjani. F'dan ir-rigward, il-mekkaniżmu ta' deżinjazzjoni kien ibbażat fuq kriterji kwantitattivi u kwalitattivi u kien hemm il-possibbiltà li jkun hemm reazzjoni għal bidliet rapidi fis-settur diġitali billi jiġu aġġustati l-limiti. Fir-rigward tal-libertà tal-media, il-Kummissjoni enfasizzat li l-proposti ma fixklux il-pluraliżmu tal-media b'xi mod iżda, għall-kuntrarju, isaħħu r-rwol tal-media fis-soċjetajiet Ewropej. L-Att dwar is-Servizzi Diġitali offra qafas regolatorju għall-indirizzar tal-kontenut illegali, li sab il-bilanċ it-tajjeb bejn l-impożizzjoni ta' obbligi ċari fuq servizzi intermedjarji diġitali u s-salvagwardja tal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni. Fl-aħħar mill-aħħar il-qrati għandhom jiddeċiedu dwar l-illegalità tal-kontenut sabiex jippreservaw id-drittijiet u l-interessi leġittimi tal-partijiet affettwati kollha. Fir-rigward tal-kontenut dannuż, inkluża d-diżinformazzjoni, pjattaformi online kbar ħafna jkunu obbligati jivvalutaw u, konsegwentement, itaffu r-riskji sistemiċi li s-sistemi tagħhom jistgħu joħolqu.

**Il-proposti dwar iċ-Ċertifikat Covid Diġitali tal-UE**[96] wasslu għal opinjonijiet minn sebat ikmamar[97], ilkoll favorevoli. Madankollu, opinjoni waħda esprimiet ukoll tħassib dwar it-trattament tad-*data* personali u d-durata tal-validità taċ-ċertifikat Covid. Is-*Senato* tal-Italja enfasizza li l-Istati Membri tal-UE kellhom id-dritt li jippermettu aċċess għat-territorju tagħhom skont il-leġiżlazzjoni tagħhom, inkluż għal persuni li ma setgħux jippreżentaw Ċertifikat Covid Diġitali tal-UE. Fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni enfasizzat li r-Regolament isegwi l-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-*data* stabbilit fir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*. Ma tinħoloq l-ebda bażi tad-*data* Ewropea dwar it-tilqim, l-ittestjar jew l-irkupru mill-

---

[92] Fil-5 ta' Jannar 2022 waslet Opinjoni addizzjonali dwar COM(2020) 842 final mill-*Assemblée nationale* ta' Franza.

[93] Is-*Sénat* ta' Franza, il-*Camera dei Deputati* tal-Italja, l-*Eerste Kamer* tan-Netherlands, il-*Folketing* tad-Danimarka, is-*Senat* tal-Polonja, l-*Assembleia da República* tal-Portugall, il-*Bundesrat* tal-Ġermanja, is-*Senát* taċ-Ċekja, il-*Poslanecká sněmovna* taċ-Ċekja u l-*Cortes Generales* ta' Spanja.

[94] COM(2020) 825 final.

[95] COM(2020) 842 final.

[96] COM(2021) 130 final u COM(2021) 140 final.

[97] Is-*Senát* taċ-Ċekja, il-*Poslanecká sněmovna* taċ-Ċekja, l-*Assembleia da República* tal-Portugall, is-*Sénat* ta' Franza, is-*Senato della Repubblica* tal-Italja (2 opinjonijiet), is-*Senat* tar-Rumanija u l-*Cortes Generales* ta' Spanja.

COVID-19 iżda tkun possibbli l-verifika deċentralizzata ta' ċertifikati interoperabbli ffirmati b'mod diġitali. Barra minn hekk, ir-Regolament ewlieni kien flessibbli biżżejjed sabiex iwieġeb għal evidenza u gwida xjentifiċi ġodda. Ma jkunx jaffettwa l-kompetenza tal-Istati Membri li jiddeċiedu dwar l-aktar miżuri xierqa għas-salvagwardja tas-saħħa pubblika. Madankollu, kwalunkwe restrizzjoni għall-moviment liberu ma għandhiex tmur lil hinn minn dik li tkun strettament neċessarja u ma għandha tagħmel l-ebda distinzjoni bejn il-vjaġġaturi fuq il-bażi tan-nazzjonalità tagħhom.

Minbarra l-opinjonijiet motivati spjegati hawn fuq, **il-proposta għal Direttiva dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni**[98] Ewropea wasslet għal seba' opinjonijiet oħrajn. Uħud jippreżentaw kritika, oħrajn ġeneralment jappoġġaw l-objettiv tal-proposta li ttejjeb l-adegwatezza tal-pagi minimi u tespandi l-aċċess tal-ħaddiema għall-protezzjoni tal-paga minima kif ukoll jippreżentaw suġġerimenti ulterjuri[99]. Parlament minnhom ikkunsidra li l-bażi legali magħżula tat lill-UE kompetenza komplementari u ta' appoġġ li ma setgħetx tiġi applikata fir-rigward tal-pagi. L-opinjoni qieset li rakkomandazzjoni tal-Kunsill kienet tkun strument legali aktar xieraq milli direttiva. Żewġ Parlamenti oġġezzjonaw għall-kundizzjonijiet differenti li qegħdin jiġu proposti għall-Istati Membri b'pagi minimi statutorji u għall-Istati Membri li jużaw sistemi ta' negozjar kollettiv, filwaqt li qiesu dan bħala ksur tal-prinċipju tal-proporzjonalità. Xi kmamar enfasizzaw il-ħtieġa għal miżuri speċifiċi, adattati għal kull Stat Membru, sabiex jindirizzaw id-dumping soċjali u tal-pagi. Kamra minnhom talbet l-infurzar effettiv tal-pagi minimi statutorji billi jissaħħu s-superviżjoni, il-kontrolli u l-ispezzjonijiet fuq il-post. Parlament ieħor issuġġerixxa l-ħtieġa li tingħata ħarsa aktar mill-qrib lejn il-protezzjoni tal-baħħara li jaħdmu fuq bastimenti rreġistrati taħt il-bandiera ta' Stat Membru tal-UE iżda li jirrisjedu b'mod permanenti f'pajjiżi terzi.

Fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni assigurat lill-Parlamenti li d-direttiva proposta ma tixħitx dubji fuq l-ispeċifiċitajiet tas-sistemi u tat-tradizzjonijiet nazzjonali, u kienet tirrispetta bis-sħiħ il-kompetenzi nazzjonali u l-awtonomija tas-sħab soċjali, f'konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, u fi ħdan il-limiti tal-kompetenza tal-UE fil-qasam tal-pagi. Il-Kummissjoni enfasizzat li l-Istati Membri kollha, dawk b'paga minima statutorja u dawk b'negozjar kollettiv, ikollhom jivverifikaw il-ħtieġa għal bidliet politiċi u leġiżlattivi. Madankollu, kienu liberi li jiddeċiedu kif jikkonformaw mar-rekwiżiti minimi stabbiliti fil-proposta. Fir-rigward ta' kontrolli aktar b'saħħithom, il-Kummissjoni nnotat ir-responsabbiltà tal-Istati Membri fir-rigward tal-pagi minimi statutorji. L-istess kien japplika għat-tfassil ta' miżuri konkreti relatati man-negozjar kollettiv.

L-Anness 3 jelenka l-inizjattivi individwali tal-Kummissjoni li taw bidu għal tal-anqas ħames opinjonijiet.

## 5. KUNTATTI, ŻJARAT, LAQGĦAT, KONFERENZI U ATTIVITAJIET OĦRAJN

### Żjarat tal-Kummissjoni fil-Parlamenti nazzjonali u laqgħat magħhom

Id-djalogu politiku orali bejn il-Kummissjoni u l-Parlamenti nazzjonali jinkludi diversi forom ta' interazzjoni: żjarat mill-Membri tal-Kummissjoni lill-Parlamenti nazzjonali, żjarat tad-delegazzjonijiet tal-Parlamenti nazzjonali lill-Kummissjoni, il-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni f'laqgħat u f'konferenzi interparlamentari (inkluża l-Konferenza tal-Kumitati Parlamentari għall-Affarijiet tal-Unjoni tal-Parlamenti tal-Unjoni Ewropea "COSAC"), preżentazzjonijiet tal-

---

[98] COM(2020) 682 final.

[99] In-*Narodno Sabranie* tal-Bulgarija, l-*Assembleia da República* tal-Portugall, is-*Senato della Repubblica* tal-Italja, l-*Országgyűlés* tal-Ungerija, il-*Camera dei Deputati* tal-Italja, in-*Nationalrat* tal-Awstrija u l-*Vouli ton Ellinon* tal-Greċja.

Kummissjoni lir-rappreżentanti permanenti tal-Parlamenti nazzjonali fi Brussell, dibattiti kontinwi dwar il-programmi ta' ħidma tal-Kummissjoni, u Djalogi tas-Semestru Ewropew.

**Numru ta' żjarat tal-Kummissjoni fil-Parlamenti nazzjonali u ta' laqgħat magħhom mill-Membri tal-Kummissjoni fl-2021** (total għall-Istati Membri kollha: 130)



Fl-2021, il-Membri tal-Kummissjoni għamlu 130 żjara fil-Parlamenti nazzjonali jew laqgħat mad-delegazzjonijiet tal-Parlamenti nazzjonali, li laħqu kważi l-Parlamenti u l-kmamar nazzjonali kollha, żieda sinifikanti meta mqabbla mas-sentejn ta' qabel (101 fl-2020 u 55 fl-2019). Il-format ta' dawn l-avvenimenti (72 fiżiċi u 58 mill-bogħod b'vidjokonferenza) irrifletta l-iżvilupp tal-pandemija tal-COVID-19, bil-biċċa l-kbira tal-laqgħat virtwali li saru matul l-ewwel nofs tas-sena u l-biċċa l-kbira tal-laqgħat fiżiċi li saru matul it-tieni nofs tas-sena. Ir-rapport dwar "l-istat tad-dritt" kien l-aktar suġġett diskuss f'dawn l-avvenimenti, iżda l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa u l-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2022 ġew indirizzati ta' spiss ukoll.

Fl-2021, l-uffiċjali tal-Kummissjoni taw 36 preżentazzjoni (ilkoll permezz ta' vidjokonferenza) lir-rappreżentanti tal-Parlamenti nazzjonali fi Brussell dwar diversi suġġetti, bħall-EU4Health, l-istrateġija tal-UE għall-vaċċini, ir-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Renju Unit, il-pjan ta' azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, l-Awtorità għat-Tħejjija u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa (HERA), il-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, ir-regolamentazzjoni aħjar, ir-rapport ta' prospettiva strateġika jew il-Komunikazzjoni dwar l-Artiku. Il-preżentazzjonijiet permezz ta' vidjokonferenza mhux biss għamluha possibbli li l-udjenza titwessa' sabiex tinkludi uffiċjali mill-Parlamenti nazzjonali fil-bliet kapitali, u b'hekk jiżdied in-numru ta' parteċipanti u titjieb il-ħidma tal-Kummissjoni sabiex tilħaq lill-Parlamenti nazzjonali, iżda ppermettew ukoll li jiġu organizzati ħafna aktar preżentazzjonijiet milli fis-snin ta' qabel (meta mqabblin ma' 23 fl-2020 – meta l-preżentazzjonijiet kienu kemm fiżiċi kif ukoll permezz ta' vidjokonferenza – jew 13 fl-2019 – meta kienu kollha fiżiċi).

### Laqgħat u konferenzi interparlamentari

Filwaqt li tibni fuq l-esperjenza tas-sena ta' qabel, il-kooperazzjoni interparlamentari[100] kompliet fil-forma ta' vidjokonferenzi, ġeneralment bil-parteċipazzjoni tal-Membri tal-Kummissjoni, inklużi:

- il-Konferenza tal-Kumitati Parlamentari għall-Affarijiet Ewropej tal-Parlamenti tal-Unjoni Ewropea (COSAC[101]);
- il-Ġimgħa Parlamentari Ewropea[102];
- il-Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt dwar l-Europol[103];
- diversi konferenzi interparlamentari (IPC)[104] u laqgħat tal-kumitati (ICM)[105].

---

100 Għal aktar dettalji dwar dawn il-laqgħat, ara r-rapport tal-Parlament Ewropew dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali: http://www.europarl.europa.eu/relnatparl/en/home/annual-reports.html.

101 Il-COSAC – li l-Kummissjoni għandha status ta' osservatur fih – huwa l-uniku forum interparlamentari stabbilit fit-Trattati, fil-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea. Sommarju tal-laqgħat tiegħu tal-2021 huwa pprovdut hawn taħt. Għal aktar informazzjoni, ara https://secure.ipex.eu/IPEXL-WEB/conferences/cosac.

102 Il-Ġimgħa Parlamentari Ewropea tlaqqa' flimkien parlamentari mill-pajjiżi tal-UE, kandidati u osservaturi sabiex jiddiskutu kwistjonijiet ekonomiċi, baġitarji, ambjentali u soċjali. Ġiet organizzata mill-Parlament Ewropew fit-22 ta' Frar u kienet magħmula minn sessjoni plenarja, li għaliha attendiet il-President von der Leyen, u erba' laqgħat paralleli interparlamentari tal-kumitati (ICM), li għalihom attendew il-Viċi President Eżekuttiv Timmermans u l-Kummissarji Gentiloni, Hahn u Schmit.

103 Huwa kellu t-8 u d-9 laqgħa tiegħu fl-1-2 ta' Frar minn Lisbona u fil-25-26 ta' Ottubru mill-Parlament Ewropew, li t-tnejn li huma attendiet għalihom il-Kummissarju Johansson.

104 IPC għall-politika estera u ta' sigurtà komuni u għall-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni, li saret fl-4 ta' Marzu, li għaliha attendew ir-Rappreżentant Għoli/Viċi President Borrell u l-Kummissarju Urpilainen, u fid-9 ta' Settembru, attendew ir-Rappreżentant Għoli/Viċi President Borrell u l-Kummissarju Lenarčič; IPC dwar il-COVID-19: l-impatt fuq is-saħħa u l-effetti soċjali, li saret minn Lisbona fit-13 ta' April, li għaliha attendew il-Kummissarji Kyriakides u Schmit; IPC ta' livell għoli dwar il-migrazzjoni u l-ażil fl-Ewropa, li

Fil-laqgħa plenarja LXV tal-COSAC, li saret b'vidjokonferenza minn Lisbona fil-31 ta' Mejju u fl-1 ta' Ġunju, il-Kummissjoni kellha rappreżentanza b'saħħitha mill-Viċi Presidenti Šuica u Schinas u mill-Kummissarji Schmit u Gentiloni. Is-suġġetti diskussi kienu jinkludu r-rieżami tal-Presidenza Portugiża, il-mudell soċjali fit-tranżizzjoni ekonomika, diġitali u klimatika trippla, ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza, u s-sitwazzjoni attwali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa. Il-Viċi President Šuica attendiet ukoll għal-laqgħa plenarja LXVI tal-COSAC, li saret permezz ta' vidjokonferenza minn Ljubljana fid-29-30 ta' Novembru, u l-Kummissarju Várhelyi pparteċipa b'vidjomessaġġ. Is-suġġetti diskussi kienu jinkludu r-rieżami tal-Presidenza Slovena, il-perspettiva Ewropea għall-Balkani tal-Punent, ir-rwol futur taż-żgħażagħ fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE u lil hinn minnhom, u l-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa.

Iż-żewġ laqgħat regolari tal-Presidenti tal-COSAC saru wkoll permezz ta' vidjokonferenza, minn Lisbona u minn Ljubljana, fil-11 ta' Jannar u fid-19 ta' Lulju rispettivament. Il-laqgħa ta' Jannar, li għaliha attendiet il-Kummissarju Ferreira, iffokat fuq il-prijoritajiet tal-Presidenza Portugiża u fuq l-irkupru u r-reżiljenza. Il-laqgħa ta' Settembru, li għaliha attenda l-Kummissarju Breton, iffokat fuq il-prijoritajiet tal-Presidenza Slovena u taċ-ċibersigurtà.

Il-format tal-vidjokonferenza ppermetta lill-COSAC ikollha diversi skambji tematiċi informali[106], f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, minbarra l-avvenimenti regolari, li ffaċilita djalogu politiku aktar mill-qrib bejn il-Parlamenti nazzjonali u l-Kummissjoni.

Wara l-laqgħa tal-Presidenti tal-COSAC tal-11 ta' Jannar 2021, 34 delegat mill-Parlamenti nazzjonali bagħtu ittra b'kofirem tas-16 ta' Frar, li fiha talbu lill-Presidenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni jistabbilixxu rwol attiv għall-Parlamenti nazzjonali fid-Dikjarazzjoni Konġunta dwar **il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa**, li għandha tiġi adottata mit-tliet istituzzjonijiet. Din id-Dikjarazzjoni Konġunta, iffirmata fl-10 ta' Marzu 2021, flimkien mar-regoli ta' proċedura tal-Konferenza, żguraw komponent parlamentari b'saħħtu. Il-Parlamenti nazzjonali pparteċipaw ma' 108 rappreżentanti – fuq l-istess livell tan-numru ta' rappreżentanti tal-Parlament Ewropew u taċ-ċittadini fil-plenarja tal-konferenza, u t-trojka Presidenzjali tal-COSAC kienet osservatur permanenti fil-bord

saret fl-14 ta' Ġunju u fl-10 ta' Diċembru, li t-tnejn li huma attenda għalihom il-Viċi President Schinas; IPC dwar l-iżvilupp rurali, l-agrikoltura u l-koeżjoni territorjali, li saret f'Lisbona fis-16 ta' Ġunju, li għaliha attenda l-Kummissarju Wojciechowski; IPC dwar l-istabbiltà, il-koordinazzjoni ekonomika u l-governanza fl-Unjoni Ewropea, li saret minn Ljubljana fit-28 ta' Settembru, li għaliha attendew il-Kummissarji Hahn u Gentiloni.

105 ICM fl-okkażjoni tal-Jum Internazzjonali tan-nisa tal-2021, bil-parteċipazzjoni tal-President von der Leyen (l-4 ta' Marzu); ICM dwar "ir-riforma tal-liġi elettorali Ewropea u tad-dritt ta' inkjesta tal-Parlament", li għaliha attendiet il-Viċi President Jourová (it-22 ta' Ġunju); ICM dwar "indawru l-paġna għall-kanċer: il-fehma tal-parlamenti nazzjonali dwar il-pjan Ewropew għall-ġlieda kontra l-kanċer", li għaliha attendiet il-Kummissarju Kyriakides (is-27 ta' Settembru); ICM dwar l-intelliġenza artifiċjali u d-"deċennju diġitali", li għaliha attendiet il-Viċi President Eżekuttiv Vestager (it-8 ta' Novembru); ICM dwar l-aspettattivi tal-Parlamenti nazzjonali għall-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, li għaliha attendiet il-Viċi President Šuica (id-9 ta' Novembru); ICM dwar l-interferenza barranija fil-proċessi demokratiċi kollha fl-Unjoni Ewropea, inkluża d-diżinformazzjoni (id-9 ta' Novembru); ICM dwar l-iżvilupp ta' pjanijiet strateġiċi tal-PAK f'kull Stat Membru, li għaliha attenda l-Kummissarju Wojciechowski (it-18 ta' Novembru); ICM dwar l-eliminazzjoni tal-vjolenza kontra n-nisa; ICM fid-9 ta' Diċembru dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-UE, li għaliha attenda l-Kummissarju Reynders (it-30 ta' Novembru).

106 Fl-2021, saru sitt avvenimenti bħal dawn, li involvew lis-Sur Barnier dwar il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit (il-25 ta' Jannar), il-Viċi President Jourová dwar il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew dwar id-Demokrazija (it-28 ta' Jannar), il-Kummissarju Kyriakides dwar l-Unjoni Ewropea tas-Saħħa (it-8 ta' Frar), il-Viċi President Eżekuttiv Dombrovskis dwar ir-rieżami tal-politika kummerċjali u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (is-7 ta' April), il-Viċi President Eżekuttiv Vestager dwar suġġetti ta' prijorità diġitali, b'mod partikolari l-Att dwar is-Servizzi Diġitali (it-12 ta' Ottubru), u l-Kummissarju Simson dwar tranżizzjoni lejn enerġija ekoloġika u ġusta (id-9 ta' Novembru).

eżekuttiv tal-Konferenza. Barra minn hekk, il-Parlamenti nazzjonali ppresedew tnejn mill-gruppi ta' ħidma tal-konferenza, dwar it-tranżizzjoni diġitali u dwar il-migrazzjoni.

F'ittra ffirmata fl-1 ta' Ġunju 2021, it-Trojka tal-COSAC (Ġermanja-Portugall-Slovenja) laqgħet dawn l-arranġamenti għall-Parlamenti nazzjonali.

Dwar il-Konferenza, il-Kummissjoni daħlet f'kuntatt mal-Parlamenti nazzjonali l-aktar permezz tal-COSAC (bil-Viċi President Šuica li għamlet diskorsi ewlenin f'diversi avvenimenti interparlamentari) u użat il-kummenti u s-suġġerimenti mressqin f'żewġ opinjonijiet[107] u f'dikjarazzjoni konġunta[108]. F'dan il-kontribut, il-Parlamenti nazzjonali qasmu d-dispjaċir li r-rappreżentanti tagħhom ingħataw status ta' osservatur biss mingħajr drittijiet tal-vot fil-bord eżekuttiv u talbu li l-konferenza tinkludi lill-Parlamenti nazzjonali mill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent li jaspiraw għas-sħubija fl-UE. Huma appellaw ukoll sabiex fil-konferenza jiġu indirizzati kwistjonijiet istituzzjonali, bħall-estensjoni tal-perjodu ta' skrutinju tas-sussidjarjetà ta' tmien ġimgħat u l-introduzzjoni ta' "karta ekoloġika" li tippermetti lill-Parlamenti jissuġġerixxu inizjattivi ġodda jew emendi għal dawk eżistenti.

## Ratifika tad-Deċiżjoni dwar ir-riżorsi proprji

Id-Deċiżjoni dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni[109] ġiet adottata mill-Kunsill fl-14 ta' Diċembru 2020 u l-Istati Membri kollha kellhom japprovawha f'konformità mar-rekwiżiti kostituzzjonali rispettivi tagħhom qabel ma setgħet tidħol fis-seħħ[110]. Fi 22 Stat Membru[111], dan jinvolvi ratifika parlamentari. Ir-ratifika preċedenti ħadet aktar minn sentejn sabiex titlesta[112]. Din id-darba, minħabba l-urġenza li jitnieda l-istrument ta' rkupru NextGenerationEU, fi żmien 6 xhur, sal-31 ta' Mejju 2021, l-Istati Membri kollha kienu nnotifikaw b'mod effettiv lill-Kunsill bir-ratifika tagħhom. Fl-1 ta' Ġunju 2021, id-Deċiżjoni daħlet fis-seħħ u seta' jibda s-self għall-istrument għall-irkupru NextGenerationEU fis-swieq.

F'konformità mal-kuntesti kostituzzjonali u politiċi nazzjonali, il-Parlamenti nazzjonali kienu involuti matul il-proċedura kollha, mir-ratifika tad-Deċiżjoni dwar ir-riżorsi proprji sal-bidu tal-finanzjament għall-proġetti ta' rkupru. F'xi Stati Membri, kien hemm dibattitu dwar jekk il-pjan ta' rkupru kienx se jistabbilixxi preċedent għas-self tal-UE jew kienx soluzzjoni ta' darba. F'każ wieħed, il-proċedura ta' ratifika tat bidu għal proċedimenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali f'dak il-pajjiż[113]. Il-Parlamenti nazzjonali kellhom ukoll rwol sinifikanti fil-proċess ta' approvazzjoni għall-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza, f'konformità mal-istruttura kostituzzjonali ta' kull Stat Membru, fl-għoti tal-mandat lill-ministri tal-Finanzi tagħhom għal-laqgħat tal-Kunsill li adottaw deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni li bihom setgħu jiġu żborżati l-fondi. Il-President tal-Kummissjoni von der Leyen enfasizzat ukoll fid-dikjarazzjoni tagħha fil-laqgħa plenarja tal-COSAC f'Diċembru 2020 li l-esperjenza u l-kontribut tal-Parlamenti nazzjonali jistgħu jkunu siewja ħafna fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet[114].

---

107 Il-*Poslanecká sněmovna* taċ-Ċekja u l-*Bundesrat* tal-Ġermanja.

108 Id-Dikjarazzjoni minn 12-il Speaker tal-Parlamenti mill-Ewropa tax-Xlokk u mill-Grupp ta' pajjiżi ta' Visegrad, ara https://v4.parlament.hu/en/-/10th-meting-of-speakers-of-parliaments-of-southeast-european-countries-with-the-participation-of-the-speakers-presidents-of-the-v4-parliaments-24-september-2021?redirect=%2Fen%2F.

109 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 – ĠU L424, 15.12.2020.

110 Skont l-Artikolu 311 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

111 Il-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, il-Finlandja u l-Iżvezja.

112 Id-Deċiżjoni ġiet adottata f'Mejju 2014 u daħlet fis-seħħ f'Ottubru 2016.

113 Fil-15 ta' April 2021, il-Qorti Kostituzzjonali Ġermaniża (*Bundesverfassungsgericht*) iddeċidiet li ma toħroġx rimedju b'mandat ta' inibizzjoni temporanju kontra r-ratifika tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji.

114 https://youtu.be/qxg_cGlO0iA?t=388

## 6. IR-RWOL TAL-PARLAMENTI REĠJONALI

Il-Parlamenti reġjonali jikkontribwixxu indirettament għar-relazzjonijiet tal-Kummissjoni mal-Parlamenti nazzjonali. Skont il-Protokoll Nru 2, meta titwettaq l-analiżi tas-sussidjarjetà għal abbozzi ta' atti leġiżlattivi tal-UE bl-għan li jinħarġu opinjonijiet motivati, tkun ir-responsabbiltà ta' kull wieħed mill-Parlamenti nazzjonali li jikkonsulta, fejn xieraq, mal-Parlamenti reġjonali b'setgħat leġiżlattivi.

Il-membri tal-Parlamenti reġjonali huma rrappreżentati wkoll fil-Kumitat tar-Reġjuni, li jwettaq ħidma ta' monitoraġġ permezz tan-Network għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà u l-pjattaforma online tiegħu maħsuba sabiex tappoġġa l-parteċipazzjoni mill-Parlamenti reġjonali b'setgħat leġiżlattivi fil-mekkaniżmu ta' twissija bikrija dwar is-sussidjarjetà (REGPEX)[115]. Permezz tan-network RegHub huma jipparteċipaw ukoll fil-pjattaforma tal-Kummissjoni "Fit for Future", li tagħmel parti mill-ħidma tagħha għal regolamentazzjoni aħjar[116].

Filwaqt li ma hemm l-ebda dispożizzjoni espliċita fit-Trattati għal interazzjoni diretta bejn il-Kummissjoni u l-Parlamenti reġjonali, il-Kummissjoni tieħu f'kunsiderazzjoni l-kontribut tagħhom. Diversi Parlamenti reġjonali[117] ppreżentaw numru dejjem akbar ta' riżoluzzjonijiet direttament lill-Kummissjoni dwar diversi kwistjonijiet, bħall-politika ta' koeżjoni u kwistjonijiet reġjonali, kwistjonijiet Ewropej (fosthom il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa), u kwistjonijiet globali bħall-aċċess għall-vaċċini, id-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet tal-minoranzi madwar id-dinja. Xi kontributi ffokaw fuq Komunikazzjonijiet[118] u fuq pakketti jew proposti leġiżlattivi[119] speċifiċi tal-Kummissjoni. Minbarra l-opinjonijiet, il-Parlamenti reġjonali pparteċipaw fil-konsultazzjonijiet pubbliċi tal-Kummissjoni, għalkemm s'issa dan il-mezz intuża b'mod attiv minn Parlament reġjonali wieħed biss li ppreżenta tweġibiet għal diversi konsultazzjonijiet pubbliċi mnedijin mill-Kummissjoni[120]. Parlament reġjonali wieħed uża mezz ieħor, u ppreżenta żewġ opinjonijiet permezz ta' Parlament nazzjonali[121]. Minbarra l-iskambji bil-miktub, il-Membri tal-Kummissjoni kellhom ukoll laqgħat ma' diversi Parlamenti reġjonali[122].

---

115 http://portal.cor.europa.eu/subsidiarity/regpex/Pages/default.aspx. Għal aktar dettalji dwar l-attività relatata mal-kontroll tas-sussidjarjetà tal-Kumitat tar-Reġjuni, ara t-Taqsima 2.4

116 Għal aktar dettalji dwar "Fit for Future" u "RegHub", ara t-Taqsimiet 2.1 u 2.4.

117 Il-Parlamenti reġjonali ta' Flanders, ta' Wallonia u tar-Reġjun Kapitali ta' Brussell (il-Belġju), tal-Bavarja (il-Ġermanja), tal-Gżejjer Baleariċi u tal-pajjiż Bask (Spanja), tal-Awstrija ta' Fuq (l-Awstrija), tas-Silesia t'Isfel u tas-Subcarpathia (il-Polonja), tar-Reġjun Liberec (iċ-Ċekja), tal-Kunsill Provinċjali ta' Friesland (in-Netherlands) u l-Konferenza Ewropea tal-Presidenti tal-Parlamenti li jitkellmu bil-Ġermaniż mill-Awstrija, mill-Ġermanja, mill-Belġju u mill-Italja. B'kollox, huma ppreżentaw 50 riżoluzzjoni fl-2021, meta mqabblin ma' 33 fl-2020.

118 Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej "Minority SafePack – one million signatures for diversity in Europe" (C(2021)171), "Mewġa ta' Rinnovazzjoni għall-Ewropa – l-ekoloġizzazzjoni tal-binjiet tagħna, il-ħolqien tal-impjiegi, it-titjib tal-ħajja" (COM(2020) 662 final), "Tħejjija għall-istrateġiji tat-tilqim kontra l-COVID-19 u l-varar tal-vaċċin" (COM(2020) 680 final), "Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali" (COM(2021) 102 final), "Il-Kumpass Diġitali tal-2030: l-approċċ Ewropew għad-Deċennju Diġitali" (COM(2021) 118 final), "Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija" (COM(2021) 400 final).

119 Dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu (COM(2021) 420 final, COM(2021) 421 final, COM(2021) 423 final; u dwar il-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (COM(2021) 557 final).

120 Il-*Landtag* tal-Bavarja ppreżenta kontributi għal aktar minn 10 konsultazzjonijiet pubbliċi għal inizjattivi taħt varjetà ta' politiki.

121 Il-Parlament tal-Flanders issottometta opinjonijiet dwar id-diviżjoni fi ftehimiet kummerċjali u fi trattati ta' investiment u dwar l-aġenda Ewropea għad-diġitalizzazzjoni. Skont id-Dikjarazzjoni 51 tat-Trattati, il-Parlament tal-Flanders huwa komponent tas-sistema parlamentari nazzjonali Belġjana. Għalhekk, il-Kummissjoni rreġistrathom bħala opinjonijiet tas-*Sénat/Senaat* tal-Belġju u wieġbet lil dan tal-aħħar.

122 Il-Viċi President Šuica ltaqgħet mal-Parlamenti reġjonali Ġermaniżi u Awstrijaċi, mal-Parlament tas-

Sudtirol (l-Italja), mal-Parlament tal-komunità Belġjana li titkellem bil-Ġermaniż (l-1 ta' Frar) u mal-Parlament tal-Flanders (il-Belġju, il-5 ta' Mejju) u l-Kummissarju Breton iltaqa' mal-Parlament reġjonali ta' Saarland (il-Ġermanja, it-22 ta' Novembru).

## 7. KONKLUŻJONI

Mis-sommarju tal-iżviluppi fl-2021 rigward l-iskrutinju tar-rispett għas-sussidjarjetà u għall-proporzjonalità fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Kummissjoni u l-Parlamenti nazzjonali jinħarġu t-tliet konklużjonijiet ewlenin li ġejjin:

L-ewwel nett, l-enfasi tal-attenzjoni tal-Parlamenti nazzjonali tirrifletti l-prijoritajiet politiċi ewlenin segwiti minn din il-Kummissjoni, b'mod partikolari l-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", il-Patt il-ġdid għall-Migrazzjoni u għall-Ażil, it-trasformazzjoni diġitali, l-Unjoni Ewropea tas-Saħħa u l-pandemija tal-COVID-19.

It-tieni, numru ta' Parlamenti nazzjonali jagħtu attenzjoni sinifikanti lill-kontrolli tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità fil-proposti tal-Kummissjoni, iżda t-tħassib konkret dwar ksur perċepit għadu rari:

- It-tħassib espress mill-Parlamenti nazzjonali huwa relatat fil-biċċa l-kbira tal-opinjonijiet motivati mhux ma' ksur perċepit konkret tal-prinċipju tas-sussidjarjetà iżda pjuttost ma' dak li huma jqisu bħala ġustifikazzjoni fattwali insuffiċjenti għall-abbozzi tal-atti leġiżlattivi li ma tippermettilhomx jivvalutaw il-konformità ta' dawn mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.
- Il-perċentwal tal-opinjonijiet tal-Parlamenti nazzjonali relatati mal-kontroll tas-sussidjarjetà kien ogħla fl-2021 milli fis-snin ta' qabel – b'mod allinjat maż-żieda fil-proposti leġiżlattivi.
- L-ebda proposta individwali ma wasslet għal aktar minn tliet opinjonijiet motivati, ferm taħt il-limitu għal "karta safra", u anqas min-numru ta' opinjonijiet motivati li għalihom il-Kummissjoni ħadet impenn li tagħti viżibbiltà akbar lit-tħassib tal-Parlamenti nazzjonali dwar is-sussidjarjetà permezz ta' rispons aggregat.

It-tielet, ir-relazzjonijiet bejn il-Kummissjoni u l-Parlamenti nazzjonali huma dinamiċi u estensivi, iżda jintużaw sa livelli varji mill-Parlamenti nazzjonali.

- Il-ġudizzju tal-kontribut tal-Parlamenti nazzjonali għall-proċess politiku fil-livell tal-UE biss fuq il-bażi tan-numru kwantitattiv ta' opinjonijiet taħt il-kontroll tas-sussidjarjetà u l-effetti immedjati tagħhom huwa qarrieqi. Huma jikkontribwixxu wkoll permezz ta' diversi kanali għad-djalogu orali fil-laqgħat u fl-avvenimenti interparlamentari.
- Il-mezzi diġitali użati matul il-pandemija tal-COVID-19 ippermettew kuntatt aktar regolari u produttiv bejn il-Kummissjoni u l-Parlamenti nazzjonali fil-livell politiku u tekniku.
- In-numru ta' Parlamenti nazzjonali li jipparteċipaw fl-analiżijiet tas-sussidjarjetà u fid-djalogu politiku bil-miktub mal-Kummissjoni kompla jiżdied, u kompla din ix-xejra mill-2019. Fl-istess ħin, fl-2021, kien hemm ukoll tmien Parlamenti jew kmamar nazzjonali (ta' ħames Stati Membri) li, għal raġunijiet ta' struttura kostituzzjonali nazzjonali, ta' tradizzjonijiet politiċi jew għal għażla politika, ma bagħtu l-ebda opinjoni.
- Madwar terz tal-Parlamenti jew tal-kmamar nazzjonali ħarġu aktar minn 10 opinjonijiet fl-2021. Bħal fis-snin ta' qabel, kważi 80 % tal-opinjonijiet kollha ntbagħtu mill-aktar 10 Parlamenti jew kmamar attivi. Fost dawn, xi wħud iffokaw l-opinjonijiet tagħhom fuq jekk il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità kinux ġew irrispettati u ma tawx kritika jew suġġerimenti konkreti dwar il-proposti tal-Kummissjoni.
- In-numru ta' opinjonijiet relatati ma' inizjattivi mhux leġiżlattivi mill-Kummissjoni jew li esprimew il-fehmiet jew il-prijoritajiet politiċi tal-Parlamenti nazzjonali fuq inizjattiva tagħhom stess jibqa' fl-istess livell għoli bħal fis-snin ta' qabel, li juri li numru ta' Parlamenti jew ta' kmamar jagħmlu użu attiv ħafna mid-djalogu politiku bil-miktub mal-Kummissjoni sabiex jgħarrfuha x'inhuma l-pożizzjonijiet tagħhom fi stadju bikri fil-proċess politiku. Il-Kummissjoni ffaċilitat il-kontribut tal-Parlamenti nazzjonali għall-

konsultazzjonijiet pubbliċi għat-tħejjija ta' proposti leġiżlattivi billi identifikat il-kontribut tagħhom b'mod aktar ċar.

L-iżgurar li l-azzjoni tal-UE tittieħed biss meta tkun neċessarja u sa fejn tkun neċessarja biss jibqa' responsabbiltà u impenn kondiviżi, li fihom id-djalogu attiv bil-miktub u orali mal-Parlamenti nazzjonali huwa vitali.